# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## Maġistrat Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv)

**Kump. Numru: 46/2021**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Vs**

**Josephine Harmsworth**
(K.I. 428479M)

**Alan Harmsworth**
(K.I. 19177M)

**Illum, 21 ta' Ottubru, 2024**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Josephine Harmsworth** ta' nazzjonalità Maltija, mwielda nhar il-31 ta' Awwissu 1979 il-Pietà, bint Mario Spiteri u Philippa Spiteri neé Azzopardi u residenti ġewwa 67, Ave Maria, Triq is-Sajjieda, Marsa' u detentriċi tal-karta tal-identità bin-numru 428479M; u lil **Alan Harmsworth** ta' nazzjonalità Maltija, mwieled nhar l-4 ta' Diċembru 1976 ġewwa l-Pietà, iben Francis Harmsworth u Mary Anne Harmsworth neé Brincat u residenti ġewwa 67, Ave Maria, Triq is-Sajjieda, Marsa u detentur tal-karta tal-identità bin-numru 19177M u akkużati talli

f'dawn il-Gżejjer, fit-23 ta' Jannar 2021 u fis-snin ta' qabel din id-data, b'diversi atti magħmulin, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Talli wettqu kummerċ bankarju jew ta' ħruġ ta' flus f'Malta jew minn Malta meta ma kontux kumpanija liċenzjata taħt l-Att dwar il-kummerċ Bankarju mill-awtorità kompetenti u dan bi ksur tal-Artikolu 5 tal-Att dwar il- Kummerċ Bankarju (Kap. 371 tal-Ligijiet ta' Malta) u l-Avviż Legali 155 tal-1999 emendat bl-avviż Legali 385 tal-2003;

2. Talli wettqu kummerċ tal-istituzzjoni finanzjarja f' Malta jew minn Malta meta ma kontx kumpanija liċenzjata taħt l-Att dwar istituzzjonijiet Finanzjarji mill-awtorità kompetenti u dan bi ksur tal-Artikolu 3 tal-Att tal-1994 dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji u l-avviż Legali 357 tal-2002 emendat bl-avviż Legali 386 tal-2003 billi negozjat fi strumenti ta' swieq finanzjarju kif ukoll fi strumenti oħra finanzjarji li jistgħu jiġu trasferiti;

3. Talli għamlu atti ta' *money laundering* billi:-

    i. Ikkonvertew jew trasferixxew propjetà meta kienu jafu jew jissuspettaw li dik il-propjetà kienet direttament jew indirettament inkisbet, jew mir-rikavat ta' attività kriminali jew minn att ta' parteċipazzjoni f'attività' kriminali, għall-iskop ta' jew skopijiet ta' ħabi jew wiri ħaġa b'oħra tal-oriġini tal-propjetà jew ta' għoti ta' għajnuna lil xi persuna jew persuni involuti jew konċernati f'attività kriminali;

    ii. Ħbew jew urew ħaġa b'oħra tal-vera xorta, provenjenza, lok, dispożizzjoni, moviment ta' jeddijiet rigward, fi jew fuq propjetà, meta kienu jafu jew jissuspettaw li dik il-propjetà' kienet inkisbet direttament jew indirettament minn attività

kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività' kriminali;

iii. Akkwistaw, ippussesaw jew użaw propjetà' meta kienu jafu jew jissuspettaw li l-istess propjetà' kienet inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attività' kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività" kriminali;

iv. Bir-ritensjoni mingħajr skuża raġonevoli ta' propjetà' meta kienu jafu jew jissuspettaw li l-istess propjetà kienet inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f attività' kriminali;

v. Ittentaw jagħmlu l-ħwejjeġ jew attivitajiet illegali fuq imsemmija;

vi. Aġixxew bħala kompliċi fit-tifsir tal-Artikolu 42 tal-Kodiċi Kriminali rigward xi waħda mill-ħwejjeġ jew attivitajiet definiti fis-sub-paragrafi (i), (ii), (iii), (iv) u (v) ta' hawn fuq;

u dan bi ksur tal-Artikolu 3 tal-Att kontra l-Money Laundering (Kap. 373 tal-Ligijiet ta' Malta), u l-Artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

Lil **Alan Harmsworth** waħdu nakkuzawh ukoll:

4. Talli naqas milli jżomm armi ta' nar u munizzjon maqfulin b'mod sikur u separati u kif ukoll naqas milli jżomm l-armi skargati f dak il-fond skond il-kundizzjonijiet tal-liċenzja u dan bi ksur tal-Artikolu 5(3)(a) tal-Att dwar l-Armi (Kap.480 tal-ligijiet ta' Malta).

Il-Qorti kienet ġentilment mitluba sabiex tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali l-flejjes u l-propjetà mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lill-akkużat jew huma propjetà

tagħhom, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-akkużat milli jittrasferixxi jew xort'ohra jiddisponi minn xi propjetà' mobbli jew immobbli, ai termini tal-Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u kif ukoll ai termini tal-Artikolu 5 tal-Att Kontra Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet ġentilment mitluba sabiex fil-każ ta' ħtija, barra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-liġi, tordna wkoll il-konfiska tal-oġġetti kollha esibiti.

Il-Qorti kienet mitluba li f'każ ta' ħtija barra milli tapplika l-piena skond il-liġi tordna lill-imputat jħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skond 1-Artikolu 533 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi l-atti odjerni ġew assenjati lil din il-Qorti kif presjeduta nhar id-19 ta' Frar 2024 tramite l-Assenjazzjoni maħruġa ai termini tal-Artikolu 11(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 520 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat illi waqt is-seduta tas-26 ta' Frar 2024 il-prosekuzzjoni u d-difiża eżentaw lill-Qorti milli terġa tisma x-xhieda u milli terġa tirċievi d-dokumenti kollha li ġew preżentati quddiem din il-Qorti kif diversament ippresjeduta sa qabel dik l-udjenza.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Ġenerali tat-2 ta' Frar 2022 sabiex jittieħdu proċeduri kriminali kontra l-akkużati u dan ai termini tas-subartikolu (4) tal-Artikolu 35 tal-Att XV tal-1994 dwar il-Kummerċ Bankarju, Kap 371 tal-Liġijiet ta' Malta;[1]

Rat il-Kunsens tal-Avukat Ġenerali tat-2 ta' Frar 2022 sabiex jittieħdu proċeduri kriminali kontra l-akkużati u dan ai termini tas-subartikolu (5) tal-Artikolu 22 tal-Att Dwar l-Istituzzjonijiet Finanzjarji, Kap 376 tal-Liġijiet ta' Malta;[2]

---

[1] Ara fol. 7539 u fol. 7542 tal-atti proċesswali
[2] Ara fol. 7540 u fol. 7541 tal-atti proċesswali

Rat l-Ordni tal-Avukat Ġenerali tal-25 ta' Jannar 2021 fejn ordnat illi Alan Harmsworth u Josephine Harmsworth jitressqu quddiem il-Qorti Kriminali sabiex iwieġbu għall-akkużi miġjuba kontra tagħhom kif ukoll il-kontro-ordni maħruġ nhar id-09 ta' Diċembru 2022[3] sabiex jiġu ġudikati minn din il-Qorti;

Rat l-Artikoli maħruġa mill-Avukat Ġenerali fid-9 ta' Diċembru 2022[4] fejn indika li l-akkużati għandhom jinstabu ħati taħt dak li hemm maħsub:

- **Fil-konfront ta' Josephine Harmsworth u Alan Harmsworth flimkien:**

  a. Fl-artikolu 5(1), 35(1)(e)(2)(3), 2(1)(2) u l-iskeda tal-Att dwar il-Kummerċ Bankarju, Kapitolu 371 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

  b. Fl-artikoli 3(1)(1A), 22(1)(f)(3)(4) u l-ewwel skeda tal-Atti Dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji, Kapitolu 376 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

  c. Fl-artikoli 17,18,23, 23A, 23B, 23Ċ, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

- **Fil-konfront ta' Alan Harmsworth waħdu:**

  d. Fl-artikoli 5(3), 27(1), 51, 52, 56 u 57 tal-Att dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta;

---

[3] Ara fol. 7596 tal-atti proċesswali.
[4] ibid.

Rat l-Ordni ta' Qbid u Ffriżar tal-Assi fil-konfront tal-akkużati erogat nhar il-25 ta' Jannar 2021;

Rat id-dokumenti kollha eżebiti, inkluża l-Fedina Penali tal-akkużat;

Rat ix-xhieda mogħtija;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza finali;

Ikkonsidrat;

Illi mill-provi prodotti u minn dak li semgħet il-Qorti jirriżulta illi l-akkużata Josephine Harmsworth tiġġestixxi *confectionery* fil-Marsa u għandha wkoll reġistrata fuq isimha u topera banka tal-Lottu. L-akkużat Alan Harmsworth, fiż-żmien tal-allegati reati, ma kienx reġistrat b'impjieg u fil-fatt jirċievi l-għajnuna soċjali. Il-prosekuzzjoni, għamlet l-investigazzjonijiet tagħha għas-snin bejn l-2015 u 2020 u anke kisbet Ordni ta' Investigazzjoni ai termini tal-Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi jidher li f'dan il-perjodu ġew depożitati numru kbir ta' ċekkijiet fil-kontijiet komuni miżmuma mill-akkużati fil-Bank of Valletta plc kif ukoll fil-kontijiet li l-akkużata Josephine Harmsworth għandha ma' banek oħra, liema ċekkijiet ma kienux indirizzati lilhom iżda lil terzi persuni.

Fit-23 ta' Jannar 2021, il-Pulizija eżegwiet Mandat ta' Arrest u Tfittxija fil-proprjetajjiet tal-akkużati u fil-25 ta' Jannar 2021, l-akkużati tressqu quddiem din il-Qorti, diversament ippresjeduta, akkużati bir-reati odjerni.

Ikkonsidrat;

**Xogħol investigattiv mill-Pulizija:**

L-Ispettur Oriana Spiteri xehdet[5] illi f'April 2020 ingħatat l-investigazzjoni tal-akkużati fejn kien qed jidher li kien dieħel ammont kbir ta' ċekkijiet fil-kontijiet tagħhom li kienu ndirizzati lil terzi persuni, ħafna minnhom ta' nazzjonalità Afrikana, u għal raġunijiet ta' paga. Hija kienet talbet il-ħruġ ta' Ordni ta' Investigazzjoni u bdiet tirċievi l-informazzjoni mill-istituzzjonijiet finanzjarji. Hija bdiet tanalizza din l-informazzjoni u ħareġ mal-ewwel illi Josephine Harmsworth hija l-*breadwinner* tal-familja u li taħdem ġewwa *confectionery* u banka tal-lottu fil-Marsa. Irriżulta ukoll illi l-akkużati jirrisjedu ġewwa proprjetà l-Marsa li akkwistaw permezz ta' self bankarju. Alan Harmsworth jirċievi benefiċċji soċjali għall-invalidità u Josephine Harmsworth tirċievi benefiċċji soċjali minħabba binhom. Mill-investigazzjonijiet mal-awtoritajjiet tat-taxxa rriżulta illi bejn l-2015 u l-2019, Alan Harmsworth iddikjara dħul ta' madwar €28,000 fis-sena filwaqt li Josephine Harmsworth iddikjarat dħul ta' madwar €22,650 fis-sena. Huma akkwistaw numru ta' proprjetajiet qabel il-perjodu suġġett għall-investigazzjoni u akkwistaw għalqa f'Ħal-Qormi għall-prezz ta' €100,000 li 60% ta' dan il-pagament kien ġej minn self bankarju filwaqt li r-rimanenti 40% ma kienx b'self. Irriżulta li Josephine Harmsworth kellha xi rebħ mal-lottu wkoll, fl-ammont ta' madwar €100,000. Alan Harmsworth kellu investiment fi *stocks* tal-Gvern fl-ammont ta' €20,000 li nxtraw fis-sena 2016 filwaqt li Josephine Harmsworth għandha investimenti fl-ammont ta' €63,000 maqsuma fuq diversi investimenti. Għandhom ukoll numru ta' vetturi u Alan Harmsworth xtara u biegħ numru kbir ta' vetturi. Bejn is-16 ta' Marzu 2017 u l-4 ta' Lulju 2017, Alan Harmsworth kellu wkoll reġistrat fuq ismu bastiment żgħir bin-numru S-13494. Jirriżulta wkoll li huma kellhom diversi kontijiet miftuħa ma' banek differenti. Josephine Harmsworth kellha kont mal-BNF Bank bejn 2015 u 2016 u l-attività kienet waħda minima. Fetħet ukoll kont miżmum mal-APS Bank bejn 2016 u

[5] Ara x-xhieda mogħtija fid-09 ta' Frar 2021, a fol. 237 tal-atti proċesswali.

2017. Tul dawn il-perjodu, Josephine Harmsworth iddepożitat numru ta' ċekkijiet li jammontaw għas-somma ta' €57,000 maqsuma f'21 transazzjoni differenti f'dan il-kont. Fetħet kont ieħor f' April 2017 u ngħalaq f'Settembru tal-istess sena. F'dan il-kont ġew depożitati total ta' ftit aktar minn €108,000 f'ċekkijet li fil-maġġor parti tagħhom kienu intestati lil terzi persuni ta' nazzjonalità Afrikana. Hija għandha wkoll kont mal-HSBC Bank Malta li nfetaħ fl-1998. Bejn l-2015 u l-2017 ġiet iddepożitata s-somma ta' aktar minn €138,000 f'dan il-kont f'ċekkijiet bankarji li ma kienux kollha indirizzati lilha iżda kien hemm numru minnhom indirizzati lil terzi persuni. Qalet li huma għandhom numru ta' self bankarju wkoll u li għandhom ukoll *Business overdraft* li bejn l-2015 u l-2020 ġew iddepożitati aktar minn €3 miljuni  u nofs f'ċekkijiet, *cash deposits* ta' aktar minn €4 miljuni, *cash withdrawals* ta' aktar minn €1 miljun u ċekkijiet maħruġa f'ammont ta' aktar minn €7 miljuni. Matul l-investigazzjonijiet, il-Pulizija ħadu kampjun ta dawn iċ-ċekkijiet u tkellmu mal-persuni li lilhom kienu indirizzati ċ-ċekkijiet u qalu li dawn iċ-ċekkijiet kienu jsarrfuhom fil-ħanut tal-akkużati. Ġieli sarrfet iċ-ċekkijiet Josephine Harmsworth u ġieli sarrafhom Alan Harmsworth. Qalu li kien hemm okkażjonijiet fejn l-akkużati żammew bejn €3 sa €16 fuq kull *cheque* u okkażjonijiet oħra fejn ma żammew l-ebda flus. Abbażi ta' din l-informazzjoni inħarġu Mandati ta' Arrest u Tfittxija kontra l-akkużati u ġew eżegwiti nhar it-23 ta' Jannar 2021 għall-ħabta ta' 12:30pm u anke infetħet *in genere* mill-Maġistrat Inkwirenti.[6] Saret tfittxija kemm fil-*confectionery*, fil-banka tal-lottu u anke fil-proprjetajiet li għandhom u fil-kamra tas-sodda tar-residenza tagħhom instabu numru ta' snieter magħluqa ġo kompartament taħt is-saqqu u anke munizzjoni. Huma ttieħdu l-kwartieri ġenerali tal-Pulizija fejn ittieħdet l-istqarrija tagħhom.  Mistoqsija in kontro-eżami dwar jekk tafx jekk il-proprjetajiet tagħhom inxtrawx permezz ta' self bankarju l-iSpettur Spiteri rrispondiet illi l-propjetà li hija r-residenza tagħhom inxtrat permezz ta' self u anke l-għalqa ta' Ħal-Qormi. Dwar il-proprjetajjiet l-oħra qalet li m' analizzathomx peress li ma kienux jaqgħu fil-perjodu suġġett għall-investigazzjoni.

[6] Ippreżentata f'dawn l-atti nhar il-5 ta' Mejju 2021, a fol. 5615 tal-atti proċesswali.

Mistoqsija wkoll jekk qablitx id-dħul fil-kontijiet bankarji mad-dikjarazzjonijiet tal-VAT, biex jinħareġ it-*turnover* tal-*confectionery*, hija rrispondiet li m'għamlitx dan l-eżerċizzju. Ikkonfermat illi l-investigazzjoni l-aktar li ffokat kien fuq iċ-ċekkijiet ta' terzi persuni, aktar milli dwar l-*unexplained income* tal-akkużati. Qalet li dawn it-tranżazzjonijiet saru fi żmien fejn iċ-ċekkijiet setgħu legalment jiġu ġġirati fuq terzi persuni. Qalet li l-investigazzjoni hija dwar il-fatt li Josephine Harmsworth sarrfet iċ-ċekkijiet u għamlet profitt minn fuqhom. Hija qalet li t-tisrif taċ-ċekkijiet minn persuna mingħajr liċenzja huwa l-*predicate offence* għall-allegat reat ta' ħasil ta' flus. Qalet li minkejja li Alan Harmsworth qalilhom li hu ma kellux x'jaqsam ma dan il-ħanut, mir-*records* ta' JobsPlus kif ukoll mix-xhieda li ġew mitkellma jirriżulta li huwa kien ikun jaħdem fil-ħanut.

Fix-xhieda ulterjorment mogħtija[7] qalet li fl-eżerċizzju tagħhom, raw id-depożiti kollha li saru fil-kontijiet tal-akkużati fejn irriżulta li saru b'aktar minn €12,000,000 f'depożiti. Il-maġġor parti ta' dawn id-depożiti saru fil-kont konġunt tal-*Overdraft* li għandhom mal-Bank of Valletta, fejn l-iskop primarju kien bħala *working capital* għall-ħanut tal-*confectionery*. Qalet li dan l-*account* kien jirċievi fih flus li għandhom x'jaqsmu mal-ħanut tagħhom. Qalet li kien hemm ċekkijiet ta' terzi u huma kellmu lil dawn it-terzi. Hija xehdet[8] illi l-valur taċ-ċekkijiet depożitati li ma humiex intestati f'isem l-akkużati jew it-tfal tagħhom huwa ta' €4,536,238.52. Spjegat li minn dan l-ammont, ma tistax tistabbilixxi x'kien ir-rikavat tal-allegata attività illeċita għaliex meta tkellmu mal-persuni li allegatament sarrfu ċ-ċekkijiet għand l-akkużati, kien hemm min qal li l-akkużata kienet iżżommilhom ammont, kien hemm minn qal ammont ieħor u kien hemm min saħansitra qal li ma kienet iżżomm xejn tas-servizz.

L-Ispettur Keith Mallan u l-ispettur Danilo Francalanza xehedu[9] illi huma kienu qed jassistu l-Ispettur Spiteri fuq diversi każijiet ta' allegat *money*

[7] Ara x-xhieda mogħtija fit-30 ta' Mejju 2022, a fol. 7479 tal-atti proċesswali.
[8] Ara x-xhieda mogħtija fl-04 ta' Novembru 2023, a fol. 7569 tal-atti proċesswali.
[9] Ara x-xhieda mogħtija fid-19 ta' Mejju 2021, a fol. 5899 u fol 5906 rispettivament tal-atti proċesswali.

*laundering* minn persuni Maltin u li l-akkużati kienu tnejn minn dawn il-persuni. Qalu li l-imputata Josephine Harmsworth kellha *confectionery* u banka tal-lottu eżatt faċċata tiegħu. Mill-investigazzjonijiet li saru, rriżulta li fil-kontijiet bankarji tal-akkużati saru numru konsiderevoli ta' depożiti ta' ċekkijiet, fil-maġġoranza tagħhom indirizzati lil persuni ta' nazzjonalità barranija. Irriżulta li b'kollox ġew depożitati madwar tmenin miljun Ewro (€80,000,000) bejn l-2015 u l-2020. Sar ukoll ammont konsiderevoli ta' ħruġ ta' ċekkijiet u ammont konsiderevoli minnhom għaddew lil żewġ *suppliers* partikolari. (Muller u Cavallieri Supplies). Mill-investigazzjonijiet li għamlu rriżulta li l-akkużati għandhom numru ta' proprjetajjiet u li l-akkużat Alan Harmsworth għandu numru ta' vetturi rreġistrati fuq ismu. Irriżulta wkoll minn analiżi taċ-ċekkijiet li dawn kienu jsarrfu ċekkijiet ta' terzi persuni u jżommu ħlas ta' bejn €3 sa €16. Mhux dejjem żammew dan il-pagament. Spjegaw kif għamlu t-tfittxijiet fil-banka tal-lottu, fil-*confectionery*, fil-vetturi tagħhom u anke fil-proprjetajiet tagħhom u elevaw evidenza varja li setgħet kienet marbuta ma' l-allegat twettiq ta' dawn ir-reati, fosthom ukoll xi armi tan-nar li nstabu f'kompartament taħt is-sodda fil-kamra tas-sodda tal-akkużati.

L-ispettur Ryan Cini[10] (li fiż-żmien tal-arrest u t-tfittxija kien għadu surġent bin-numru 747) u PC496 Ryan Agius[11] xehdu li eżegwew Mandat ta' Arrest u Tfittxija fuq il-fond fejn hemm il-*confectionery* fil-Marsa fejn hemmhekk sabu lil Alan Harmsworth u arrestawħ u tawħ id-Drittijiet spettanti bil-liġi. Għamlu t-tfittxijiet ukoll fil-proprjetajiet tal-akkużati. Mir-residenza tiegħu fi 67, "Ave Maria", Triq is-Sajjieda Marsa elevaw numru ta' armi tan-nar li nstabu f'kompartament taħt is-sodda tiegħu u munizzjon li kien fuq il-gwardarobba, liema munizzjoni m'huwiex legali. Wara wettqu tfittxija ġewwa l-istallel ta' Ħal-Qormi iżda ma ġie elevat xejn. Qal li l-armi għandhom jinżammu ġewwa *safe* iżda fir-residenza tagħhom, dawn ma kienux miżmumin hekk.

[10] Ara x-xhieda mogħtija fit-30 ta' Mejju 2022, a fol. 7463 tal-atti proċesswali.
[11] Ara x-xhieda mogħtija fit-30 ta' Mejju 2022, a fol. 7473 tal-atti proċesswali.

PC 147 Christian Zammit[12] u PC1031 James Busuttil[13] xehedu illi fit-23 ta' Jannar 2021, flimkien ma l-ispettur Keith Mallan, ex PS 251, PC1031, PC2404 u ex PC 2393 eżegwew il-Mandat ta' Arrest u Tfittxija fil-konfront ta' l-akkużati u għamlu tfittxija fil-banka tal-lottu u fil-ħanut, fil-garage 64, Triq il-Kapuċċini, Marsa, liema garage kien qed jintuża bħala maħżen għall-ħanut u mill-proprjetà 56, Triq it-Tiġrija, Marsa. Ma ġie elevat xejn la mill-garage u lanqas minn din il-proprjetà.

PS822 Brian Agius xehed[14] illi hu għamel analiżi taċ-ċekkijiet li daħlu fil-kontijiet ta' Josephine u Alan Harmsworth. Qal li hu interroga xi nies li kienu msemmija fiċ-ċekkijiet u minn hemm irriżulta il huma kienu jsarrfu ċ-ċekkijiet għandhom u ġieli jżommulhom €3, ġieli skont l-ammont taċ-ċekk u ġieli ma jżommulhom xejn. Hu xehed ukoll fuq it-tfittxija li għamlu fil-proprjetajjiet tal-akkużati flimkien mal-ispettur Keith Mallan, l-ispettur Danilo Francalanza, PS747, PC496 u PC 848.

PC848 Jarrod Vella xehed[15] illi waqt it-tfittxija fir-residenza tal-akkużati sabu arloġġ, kompjuter  u ammont ta' armi ġo kompartament fis-sodda fil-kamra tas-sodda tal-akkużati. Qal li hu, flimkien ma' kollegi tiegħu, daħlu f'Excel Sheet iċ-ċekkijiet li daħlu fil-kontijiet ta' l-akkużati u kellmu wkoll il-benefiċċjarji ta' dawk iċ-ċekkijiet, minn fejn deher li l-akkużati setgħu kienu qed isarrfu ċ-ċekkijiet ta' dawn il-persuni u jżommu xi ħaġa tal-flus għas-servizz. Hu ppreżenta din l-*excel sheet* stampata bħala dok "JV"[16]

PC2404 Fabienne Mihailovic xehdet[17] illi hija ġabret parti mill-informazzjoni miksuba fl-elenku mmarkat Dok "JV". Qalet li kellmet uħud mill-benefiċċjarji taċ-ċekkijiet li ġew depożitati fil-kontijiet tal-akkużati u kien hemm minn qalilhom li mar hu personalment sabiex isarraf dawk iċ-

[12] Ara x-xhieda mogħtija fit-30 ta' Mejju 2022, a fol. 7468 tal-atti proċesswali.
[13] Ara x-xhieda mogħtija fit-30 ta' Mejju 2022, a fol. 7471 tal-atti proċesswali.
[14] Ara x-xhieda mogħtija fid-19 ta' Mejju 2021, a fol. 5912 tal-atti proċesswali.
[15] Ara x-xhieda mogħtija fid-19 ta' Mejju 2021, a fol. 5919 tal-atti proċesswali.
[16] Ara Dok "JV" a fol. 5926 tal-atti proċesswali.
[17] Ara x-xhieda mogħtija fid-19 ta' Mejju 2021, a fol. 6121 tal-atti proċesswali.

ċekkijiet, kien hemm min qal ukoll li ma jafx kif dawn iċ-ċekkijiet spiċċaw f'idejn l-akkużati għaliex huma taw iċ-ċekkijiet lil terzi persuni. Qalu li Josephine Harmsworth kienet issarraf dawn iċ-ċekkijiet u ta' dan ġieli kienet iżżomm 1% tal-valur taċ-ċekk, ġieli bejn €10 - €16 għal kull ċekk u ġieli ma kienet iżżomm xejn flus. Hi xehdet ukoll dwar it-tfittxija li saret fil-proprjetajjiet tal-akkużati u ppreżentat elenku tal-oġġetti li ġew elevati mingħandhom għal aktar stħarriġ.[18]

PS1111 Brandon Borg[19] ippreżenta rapport kontenenti sett ta' ritratti li ħa hu stess tal-fond "Ave Maria", 67, Triq is-Sajjieda, liema xogħol wettqu bħala *Scene of Crime Officer*. PS2356 Natasha Vella[20] ippreżentat sett ta' ritratti li ħadet tal-banka tal-lottu u tal-ħanut confectionery, liema xogħol wettqitu bħala *Scene of Crime Officer.*

PC963 Anthony Magro[21] ippreżenta d-dettalji tal-armi li huma reġistrati f'isem Alan Harmsworth. Minn dan jirriżulta li għandu rreġistrat fuq ismu s-segwenti armi:[22]

| **Tip ta' Arma** | **Ditta** |
|---|---|
| Air Pistol/Rifle | Rutten |
| Air Rifle | Huben |
| Air Rifle | Daystate |
| Air Rifle | Gamo |
| Air Rifle | Hatsan |
| Pistol | Grand Power |
| Pistol | HS Produkt |
| Pistol | Girsan |
| Pistol | Grand Power |
| Pistol | Heckler & Koch |

[18] Ara Dok "FM" a fol. 6127 et seq tal-atti proċesswali.
[19] Ara x-xhieda mogħtija fit-22 ta' Frar 2022, a fol. 7159 tal-atti proċesswali.
[20] Ara x-xhieda mogħtija fit-22 ta' Frar 2022, a fol. 7213 tal-atti proċesswali.
[21] Ara x-xhieda mogħtija fit-30 ta' Mejju 2022, a fol. 7435 tal-atti proċesswali.
[22] Ara Dok "AM" a fol. 7438 tal-atti proċesswali.

Illi fl-24 ta' Jannar 2021, l-Ispettur Oriana Spiteri, flimkien mal-Ispettur Claire Borg ħadu l-istqarrija ta' Alan Harmsworth fil-preżenza u bl-assistenza tal-avukat difensur tiegħu.[23] Minn din l-istqarrija huwa jgħid illi ilu 5 snin ma jaħdimx peress li jbagħti minn *panic attacks* u meta jtiħ attakk ikollu jitlaq id-dar, ikun fejn ikun. Qal li kien jaħdem f'ħanut tal-*istereos* fil-Ħamrun u dam jaħdem hemm madwar 10 snin. Qal li m'għandux involviment fil-ħwienet tal-mara u qatt ma għamel xogħol fil-ħanut tal-*confectionery* iżda li jmur biss biex jieħu xi ħaġa skont il-bżonn. Qal li jirċievi ċ-ċekk tal-benefiċċji soċjali u li għandu aċċess għal dak il-kont bankarju biss. Il-kontijiet bankarji l-oħra kollha f'idejn Josephine Harmsworth.

Qal li huwa dilettant taż-żwiemel u għandu xi żwiemel fl-għalqa ta' Ħal-Qormi. Qal li fl-għalqa għandu żwiemel ma nies oħra li anke għandhom iż-żwiemel. Dwar iż-żwiemel tiegħu, spjega li wieħed minnhom kien ħadu żgħir u li kienu se joqtluh u xtraħ għal inqas minn elf Ewro. Qal li kellu żwiemel oħra li kien anke jiġri bihom il-Marsa iżda dawn mietu. Qal li minn dawn it-tlielaq hu ġieli rebaħ, madwar €2,000.

Bħala vetturi li huma reġistrati fuq ismu spjega li (i) l-Mercedes B Class tal-2005 hija ta' missieru; (ii) il-Mercedes u BMW tintuża minn Josephine Harmwsorth u li dawn xtrathom hi għax hu m'għandux flus minn fejn jixtri; (iii) vann reġistrat fuq Josephine Harmsworth minħabba ċ-ċitazzjonijiet (iv) BMW li tintuża mit-tifla u hija reġistrata fuqu sabiex l-insurance tal-vettura ma tiġix għolja. Spjega li hu kien jiddilja mal-bejjiegħa u mbagħad tħallas il-vettura Josephine Harmsworth. Qal li ma tantx kien jonfoq flus fuq vetturi u li għalkemm kellu *Corvette*, ġurnata biss dam biha. Qal li Josephine Harmsworth tieħu ħsieb fejn jidħlu l-kontijiet tal-bank u hu ma tantx kien jagħti każ ta' dawn l-affarijiet.

[23] Ara t-traskrizzjoni tal-Istqarrija Awdjo-Viżiva magħmulha minn Dr. Martha Travers Tauss u ppreżentata nhar is-17 ta' Novembru 2021, a fol. 6470 tal-atti proċesswali.

Dwar l-armi li sabulu d-dar qal li dawn ilhom għandu. Qal li hu dilettant tal-armi u jżommhom taħt is-sodda minħabba t-tifel, biex ma jiftaħhomx, peress li jkun rieqed fuq is-sodda. Qal li dawn l-armi qatt ma sparaw.

Dwar l-attività ekonomika ta' Josephine Harmsworth qal ma jaf xejn u li hi kienet tiddepożita fil-*joint account* bankarju. Qal li hu għandu *card* abbinata mal-kont bankarju tiegħu biss. Qal li hu ma jafx x'kienet qed tagħmel Josephine Harmsworth u li kienet tieħu ħsieb kollox hi. Hu kemm jiffirma l-karti li hemm bżonn biss.

Illi fl-24 ta' Jannar 2021 wkoll, l-Ispettur Oriana Spiteri, flimkien mal-Ispettur Claire Borg ħadu l-istqarrija ta' Josephine Harmsworth fil-preżenza u bl-assistenza tal-avukat difensur tagħha.[24] Minn din l-istqarrija jirriżulta illi fir-residenza tagħha jgħixu erba' persuni, ossija hi, ir-raġel tagħha Alan Harmsworth, it-tifel u missier Alan Harmsworth, li jgħin fil-ħanut tagħha iżda jirċievi l-pensjoni. Qalet li hi l-*breadwinner* tal-familja u li l-affarijiet tħallashom għalihom hi jew il-kunjatu. Qalet li qatt ma jsiefru minħabba l-kundizzjoni tas-saħħa tar-ragel.

Ikkonfermat li hi s-sid tal-*confectionery* u li wkoll taħdem hemm. Għandha wkoll banka tal-lottu. Qalet li dejjem tkun il-ħanut tal-*confectionery* u li l-banka tmur biss meta xi ħadd mill-ħaddiema tagħha ma jmurx. Qalet li hi tagħmel kollox fil-ħanut, inkluż ix-xogħol tal-karti. Qalet li għall-ewwel kienet taħdem mal-fabbrika tal-*Coca Cola* u x-xogħol kienet tmur il-ħanut. Dak iż-żmien kien imur ir-raġel l-ewwel fil-ħanut. Imbagħad intefgħet taħdem fil-ħanut. Qalet li oħtha Amanda wkoll taħdem fil-ħanut. Qalet li għandha ħaddiema oħra li tħallasha bil-€5 is-siegħa u fil-festi bis-€7.50 s-siegħa. Il-paga tħallashom *cash*. Qalet li s-suppliers tħallashom bic-*cheque* jew bil-bank u li bħala medja, tagħmel bejgħ ta' madwar €26,000 fix-xahar. Dwar Tabakk ikkonfermat li tixtrieħ minn "Cavalerija" u tħallsu biċ-cheque. Tħallas madwar €10,000 fil-ġimgħa.

[24] Ara t-traskrizzjoni tal-Istqarrija Awdjo-Viżiva magħmulha minn Dr. Martha Travers Tauss u ppreżentata nhar is-17 ta' Novembru 2021, a fol. 6491 tal-atti proċesswali.

Dwar l-attività tal-Banka tal-lottu qalet li għandha kont il-bank u li titfa' kollox f'dan il-kont biex tħallas lill-Maltco minnu. Qalet li ġieli lagħbet u b'kollox rebħet madwar €40,000. Fil-Banka kellha 4 ħaddiema jaħdmu magħha u li jitqassmu bix-*shift*. Tħallashom €5 fis-siegħa jew €7.50 fis-sieegħa fil-festi.

Qalet li l-binja tal-banka tal-lottu hija tal-każin tal-banda u dik tal-*confectionery* hija ta' Lawrence Brincat. Hi tikri dawn iż-żewġ propjetajiet.

Qalet li bħala propjetà għandha d-dar tagħha li xtratha bil-loan mill-bank, il-garaxx li wkoll xtratu bil-loan tal-bank u b'xi flus minn ta' missier Alan Harmsworth; żewġ proprjetajiet li xtraw bil-loan mill-bank. Qalet li anke l-għalqa ta' Ħal-Qormi xtrawha bil-loan mill-bank. Tikri żewġ postijiet lil terzi persuni u qabel il-pandemija kienet tikrihom għal €400 iżda wara l-pandemija bdiet tikrihom għal €300 fix-xahar. Qalet li tirċievi l-pensjoni tad-diżabilità tat-tifel tagħhom. Qalet li l-bank għandha xi €67,000 mġemmgħin;

Dwar ic-cheques spjegat li xi klijenti ġieli kienu jixtru bid-dejn u tiktibhom. Imbagħad jagħtuha ċ-ċekk u hi kienet taqta' d-dejn minnu. Qalet li bejn l-2015 sa l-2018 il-klijenti ġieli kienu jsarrfu ċekkijiet għandha għax in-nies tal-madwar ma tantx imorru l-bank. Imbagħad kienu bagħatu għaliha tal-Bank of Valletta plc u qalulha biex ma tibqax tiddepożita ċekkijiet fil-kont tagħha. Qalet li ma kienitx tiċċarġja flus għal dan is-servizz iżda l-klijenti ġieli tawha flus minn jeddhom. Skont Josephine Harmsworth, il-klijenti kienu "jixtru, inħallas u nagħtihom id-differenza. Hekk kont nagħmel. Imbagħad kelli xi ħames klijenti, forsi dan, kienu jkunu msieken m'għandhomx dan u kont nagħtihomlhom cash, il-bqija ma kontx nagħmel, nagħmel iżjed".[25] Spjegat li missier Alan Harmsworth kien ħa s-somma tal-Gvern u għaddihielha *cash*. Qalet li l-kunjatu ġieli rebaħ u kien jagħtihomna, pero dan madwar 15 jew 16-il sena ilu.[26]

[25] A fol. 6530 tal-atti proċesswali.
[26] A fol. 6531 tal-atti proċesswali.

Dwar l-introjtu tagħha spjegat li hi titħallas minn dak li jkun fadal wara li taqta' l-ispejjeż kollha tal-ħanut. Qalet li in kwantu oġġetti għad-dar, tixtri minn ħanut fil-Ħamrun bid-dejn, u għandha wkoll dejn ma min biegħ il-vetturi lir-raġel tagħha. Qalet li xtrat arloġġ għat-tifel ta' madwar €900. Dan xtraħ bejn il-flus li qala' għal Milied u bejn dak li kellu mġemmgħin il-bank.

L-Ispettur Claire Borg xehdet[27] illi hija kienet preżenti għat-teħid tal-istqarrijiet tal-akkużati li kienu debitament assistiti.

**Rappreżentanti tal-Banek:**

Illi r-rappreżentant tal-Bank of Valletta Mark Falzon xehed[28] illi Alan Harmsworth ma kellux relazzjoni mal-bank iżda Josephine Harmsworth kellha. Qal li s-sors tad-dħul ta' Josephine Harmsworth kien dikjarat minnha primarjament bħala *confectionery*, u sekondarjament bħala *lotto receiver*. Hu ppreżenta CD kontenenti *cheque images*, transazzjonijiet li saru mill-kontijiet tagħhom kif ukoll dokumentazzjoni bankarja oħra.[29] Sussegwentement, ix-xhud reġa xehed[30] u ppreżenta tabella bid-depożiti li saru fil-kontijiet.[31] Minn din it-tabella jirriżulta s-segwenti:-

| Account Number | Total Cash Deposited | Total Cheques Deposited | Total Amount |
|---|---|---|---|
| 40020243917 | € 4,978,329.96 | € 4,014,001.33 | € 9,992,331.29 |
| 40020521202 | € 847,828.02 | € 388,820.62 | € 1,236,648.64 |
| 40021410011 | € 6,814.00 | € 12,961.63 | € 19,775.63 |
| 40024930705 | € 121,029.30 | € 2,593.57 | € 123,622.87 |
| 40025106020 | € 9,780.00 | NIL | € 9,780.00 |
| 40025888377 | € 30,824.07 | € 28,482.98 | € 59,307.05 |
| 40016878752 | € 3,970.00 | € 283.50 | € 4,253.50 |
| | | **Total Overall** | **€ 11,445,718.98** |

[27] Ara x-xhieda mogħtija fil-5 ta' Mejju 2021, a fol. 5119 tal-atti proċesswali.
[28] Ara x-xhieda mogħtija nhar it-3 ta' Frar 2021, a fol. 50 tal-atti proċesswali.
[29] Ara dok "MF" a fol. 59 tal-atti proċesswali.
[30] Ara x-xhieda mogħtija fit-30 ta' Mejju 2022, a fol. 7446 tal-atti proċesswali.
[31] A fol. 7450 tal-Atti Proċesswali.

Jirriżulta wkoll illi l-akkużati ilhom b'self bankarju mal-Bank of Valletta għal madwar sittax-il sena.

Illi r-rappreżentanta tal-APS Bank Rebecca Micallef xehdet[32] illi l-akkużata Josephine Harmsworth kellha relazzjoni bankarja magħhom filwaqt li l-akkużat Alan Harmsworth ma kellux. Skont id-*due diligence* tal-bank, ix-xogħol primarju tagħha kien mill-ħanut tat-tip *confectionery* u kienet ukoll *lotto receiver*. Qalet li meta għalqet il-kontijiet fl-2017, il-fondi ġew trasferiti f'kontijiet miżmuma mal-Bank of Valletta plc.

Ix-xhud ippreżentat ukoll dokument spjegattiv,[33] li minnu jirriżulta li hi kellha s-segwenti kontijiet:

| Nru tal-kont | Tip | Intestatura | Data tal-ftuħ | Data tal-għeluq |
|---|---|---|---|---|
| 406-2111-0019 | Kurrenti | Ms Josephine Harmsworth | 03/04/2017 | 26/09/2017 |
| 406-2112-0011 | Savings | Ms Josephine Harmsworth | 15/12/2016 | 26/09/2017 |
| 406-2113-0013 | Term Deposit | Ms Josephine Harmsworth | 15/12/2016 | 26/09/2017 |

Minn dan id-dokument jirriżulta wkoll li:

- Il-kont bin-numru 406-2111-0019 irċieva total ta' *cash deposits* fl-ammont ta' €10,540.00 u nħarġu ċekkijiet fl-ammont ta' €80,310.01. Dan kollu bejn il-perjodu ta' April 2017 u Settembru 2017;

- Il-kont bin-numru 406-2112-0011 irċieva total ta' cash deposits fl-ammont ta' €5,677.96 bejn il-perjodu ta' Diċembru 2016 u Awwissu 2017.

[32] Ara x-xhieda mogħtija nhar it-3 ta' Frar 2021, a fol. 60 tal-atti proċesswali.
[33] A fol. 67 tal-atti proċesswali.

- Dawn il-kontijiet ingħalqu mill-akkużata Josephine Harmsworth stess wara li ġiet informata li l-Bank ma kienx se jaċċetta aktar cash u *third party cheques*.

Illi Silvio Chetcuti rappreżentant tal-Bank of Valletta xehed[34] illi ċ-ċekkijiet preċedenti kienu jkunu "or Order", jiġifieri l-persuna li lilha kien ikun indirizzat iċ-ċekk setgħet tiffirmah u tikteb in-numru tal-karta tal-identità fuq wara u tgħaddih lil terza persuna biex tiddepożitah jew issarrfu hi. Illum dan m'għadux possibbli għax iċ-ċekkijiet qed joħorġu biss "only" jiġifieri l-persuna li lilha nħareġ iċ-ċekk biss tista ssarfu jew tiddepożitah. Hu ppreżenta kopja skennjata taċ-ċekkijiet kollha li hemm fil-kont.[35]

Illi Joanna Bartolo, rappreżentanta oħra tal-istess Bank xehdet[36] illi l-akkużati għandhom is-segwenti faċilitajiet mal-bank:

| Tip | Nru | Data tal-ftuħ | Kummenti |
|---|---|---|---|
| Self għall-akkwist tal-fond 52, Racecourse Street, Marsa | 4002-0339-203 | Ottubru 2011 | pagamenti mensili ta' €396.60 b'bilanċ ta' -€37,412; |
| Self għall-akkwist tal-għalqa ta' Ħal-Qormi | 4002-5424-867 | Ottubru 2018 | b'bilanċ ta -€56,663 |
| Overdraft bħala working capital għall-business tal-akkużati | 4002-0243-917 | 28 ta' Settembru 2011 | għall-ammont massimu ta' €40,000. . Minn dan il-kont isiru l-loan repayments tas-self sopra msemmi. |
| Credit card loan | 5001-1608-962 | 1 ta' Marzu 2021 | intestat f'isem l-akkużat Alan Harmsworth u li nfetaħ mill-Bank f'Marzu 2021 b'riżultat tal-Ordni ta' Qbid u Ffriżar impost fuq l- |

[34] Ara x-xhieda mogħtija fl-1 ta' Lulju 2021, a fol. 6344 tal-atti proċesswali.
[35] Ara Dok "SC" a fol. 6351 tal-atti proċesswali.
[36] Ara x-xhieda mogħtija fl-24 ta' Mejju 2021, a fol. 6148 tal-atti proċesswali.

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | | akkużati. Għandu bilanċ ta’ -€2,638. |
| Lotobut agent no 132 | 4002-0521-202 | N/A | B’bilanċ ta’ €1,438.87 |
| Fixed deposit account konġunt bejn l-akkużati | 4002-1267-808 | N/A | Infetaħ fl-10 ta’ Novembru 2021 u mmatura fl-10 ta’ Novembru 2022 b’bilanċ ta’ €10,881.29 |
| Young Savers Account konġunt bejn l-akkużati | 4002-1410-011 | N/A | B’bilanċ ta’ €16,371.81 |
| Term Deposit Account f’isem Josephine Harmsworth | 4002-3147-599 | N/A | Jagħlaq fis-6 ta’ Marzu 2022 b’bilanċ ta’ €521.61 |
| Savings account f’isem Josephine Harmsworth | 4002-4930-705 | Settembru 2017 | Bilanċ ta’ €17.61 |
| Savings account f’isem Josephine Harmsworth u terza persuna | 44002-5106-020 | N/A | Bilanċ ta’ €973.77 |
| Savings account f’isem Josephine Harmsworth | 4002-5888-377 | N/A | B’bilanċ ta’ €14,180.26 |
| Savings account f’isem Alan Harmsworth | 4001-6878-752 | N/A | B’bilanċ ta’ €717.99 |

Illi David Spiteri, rappreżentant tal-HSBC Bank Malta Ltd xehed[37] illi l-akkużata Josephine Harmsworth għandha kontijiet li jinkludu *savings accounts, term deposit accounts, Loan Account u Credit Cards* u dakinhar li xehed kellha biss *Saving accounts* b’bilanċ ta’ €11 in debit bin-numru 0230-9872-6050.

Xehed li Josephine Harmsworth kellha s-segwenti kontijiet:

[37] Ara x-xhieda mogħtija fil-05 ta’ Mejju 2021, a fol. 5125 tal-atti proċesswali.

| Nru | Tip | Numru | Data tal-ftuħ | Data tal-għeluq |
|---|---|---|---|---|
| 1. | Savings Account (Alan Harmsworth għandu prokura fuq dan il-kont. | 023-098726-050 | 7 ta' Mejju 1998 | Għadu miftuħ b'blianċ ta' €11.28 |
| 2. | Savings Account | 023-098726-052 | 4 ta' Settembru 2007 | 6 ta' Diċembru 2007 |
| 3. | Term Deposit | 023-0098726-100 | 12 ta' Diċembru 2006 | 5 ta' April 2008 |
| 4. | Savings Account | 0230-98726-051 | 7 ta' Mejju 1998 | 7 ta' Ottubru 2008 |
| 5. | Term Deposit | 0230-98726-101 | 4 ta' Jannar 2008 | 6 ta' Jannar 2009 |
| 6. | Loan Account | 023-098726-340 | 4 ta' Diċembru 2008 | 8 ta' Jannar 2009 |
| 7. | Credit Card | 4568-8221-6368-2308 | 29 ta' Diċembru 1999 | 12 ta' Marzu 2008 |
| 8. | Credit Card | 4035-7100-0061-9242 | 4 ta' Marzu 2008 | 29 ta' Diċembru 2008 |
| 9. | Credit Card miżmuma f'isimha fuq il-kont ta' Alan Harmsworth li jispiċċa bin-numru 2196 | 4568-8242-4332-1535 | | |

Xehed ukoll li Josephine Harmsworth għamlet is-segwenti transazzjonijiet:

- Mill-kont bin-numru 023-098726-050 (Nru 1 fit-tabella) saru 50 transazzjoni b'total ta' €25,495.00 kif ġej:
    - 18-il transazzjoni b'total ta' €8,990.00 bil-mezz ta' ATM Cash Deposits;
    - 32 transazzjoni b'total ta' €16,505.00 cash deposits fil-fergħa tal-bank;

- Depożiti ta' 178 cheque b'ammont totali ta' €139,849.37 kif ukoll cheque maħruġ minn dan il-kont fl-ammont ta' €973.64 pagabbli lil Ray Aquilina Installations Co. Ltd;

- 154 trasferimenti ammontanti għal €62,944.19 kif ġej:
    - 117-il transazzjoni ammontanti għal €48,919.00 trasferiti għall-kont nru 18064437 (Nru. 16 fit-tabella);
    - 37 transazzjoni ammontanti għal €14,025.19 trasferiti għall-kont nru 023-1074585-200 (Nru. 19 fit-tabella);

- 8 pagamenti ammontanti għal €1,235.27 magħmula mill-kont bin-numru 023-098726-050 (Nru 1 fit-tabella) kif imiss:
    - €296.10 lil Farsons Direct;
    - €115.78 lil APH Veterinary Clinic;
    - €325 lil Corinthia Palace, Attard;
    - €107.37 lil Darmanin Footwear, Valletta;
    - €49.50 lil Dean Gera;
    - €58.50 lil George, Ħamrun;
    - €124.00 lil Rickshaw Restaurant, Attard; u
    - €159.02 lil Top Choice, Ħamrun;

Xehed li Alan Harmsworth kellu s-segwenti faċilitajiet:

| Nru | Tip | Numru | Data tal-ftuħ | Data tal-għeluq |
|---|---|---|---|---|
| 10. | Term Deposit Account | 037-015674-100 | 8 ta' Frar 2003 | 18 ta' Frar 2004 |
| 11. | Savings Account | 023-123516-050 | 20 ta' Mejju 2000 | 26 ta' Frar 2012 |
| 12. | Credit Card | 4568-8211-4790-2196 | 2 ta' Marzu 2009 | 21 ta' Frar 2012 |
| 13. | Credit Card | 4568-8240-6070-2734 | 21 ta' Frar 2006 | 2 ta' April 2008 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 14. | Credit Card fuq kont miżmum minn Josephine Harmsworth li jispiċċa bin-nurmi "9242" | 4035-7100-0060-8468 | | |
| 15. | Safe Depost Locker | | | |

Xehed li **Josephine Harmsworth** u **Alan Harmsworth** kellhom is-segwenti kontijiet miżmuma **konġuntivament**:

| Nru | Tip | Numru | Data tal-ftuħ | Data tal-għeluq |
|---|---|---|---|---|
| 16. | Mortgage Account | 18064437 | 30 ta' Awwissu 2010 | Għandu miftuħ b'bilanċ ta' €56,551.25 |
| 17. | Loan Account | 075-159103-200 | 16 ta' April 2013 | 17 ta' April 2013 |
| 18. | Savings Account | 023-107485-050 | 5 ta' Settembru 2007 | 17 ta' Awwissu 2013 |
| 19. | Loan Account | 023-1074585-200 | 16 ta' April 2013 | 7 ta' Marzu 2016 |
| 20. | Current Account | 023-107485-001 | 25 ta' Frar 2005 | 17 ta' Awwissu 2013 |
| 21. | Loan Account | 023-107485-300 | 23 ta' Awwissu 2001 | 16 ta' Frar 2006 |
| 22. | Savings Account | 023-107485-050 | 25 ta' Frar 2005 | 24 ta' April 2006 |
| 23. | Loan Account | 023-107485-300 | 8 ta' April 2006 | 19 ta' Jannar 2008 |
| 24. | Loan Account | 023-107485-301 | 7 ta' Marzu 2005 | 6 ta' Jannar 2009 |
| 25. | Loan Account | 088-159678-320 | 22 ta' Frar 2008 | 17 ta' Settembru 2008 |
| 26. | Mortgage Account | 11414774 | 12 ta' April 2008 | 10 ta' Mejju 2011 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 27. | Mortgage Account | 18700520 | 8 ta' Frar 2001 | 17 ta' April 2010 |
| 28. | Mortgage Account | 18800528 | 12 ta' Ottubru 2001 | 17 ta' April 2010 |

Xehed illi minn dawn il-kontijiet saru s-segwenti tranżazzjonijiet:

- 2 tranżazzjonijiet cash deposits fl-ammont ta' €1,260.00 fil-kont numru 023-107485-001 (Nru 20 fit-tabella);

- 7 trasferimenti ammontanti għal €1,144.66 mill-kont numru 023-107485-001 (Nru 20 fit-tabella) kif ġej:

    - 4 trasferimenti ammontanti għal €138.82 mħallsa fil-kont numru 023-107485-050 (Nru 22 fit-tabella);

    - 1 trasferiment fl-ammont ta' €459.29 mħallsa fil-kont numru 18064437 (Nru 16 fit-tabella);

    - 2 trasferimenti ammontanti għal €546.55 mħallsa fil-kont numru 023-1074585-200 (Nru 19 fit-tabella);

    - 1 pagament ta' €75.00 mill-kont 023-107485-001 (Nru 20 fit-tabella) bħala Overdraft fee pagabbli lill-Bank stess;

- Mill-kont numru 023-107485-050 (Nru 22 fit-tabella) saru s-segwenti transazzjonijiet:

    - 1 transazzjoni fl-ammont ta' €470.00 bħala cash deposit magħmula f'ATM;

    - 7 trasferimenti ammontanti għal 549.89 kif ġej:

        - 6 trasferimenti ammontanti għal €275.28 mħallsa lil HSBC Life Assurance;

  - 1 trasferiment fl-ammont ta' €274.61 mħallsa fil-kont 023-1074585-200 (Nru 19 fit-tabella)

- 1 transazzjoni ta' €11.65 mħallsa bħala Service Fee tal-bank;

Illi Rosanne Abela Wadge, in rappreżentanza tal-BNF Bank xehdet[38] illi l-akkużata kellha kont wieħed mal-Bank li nfetaħ fl-20 ta' Ottubru 2015 u ngħalaq fis-26 ta' Frar 2016 filwaqt li l-akkużat Alan Harmsworth qatt ma kellu kontijiet miżmuma ma' dan il-Bank.

**Xhieda Fiskali u Introjtu:**

Illi r-rappreżentanta tal-Kummissarju għat-Taxxa, Sezzjoni tal-VAT, Dr Vincienne Vella xehdet illi[39] l-akkużat Alan Harmsworth kien reġistrat mal-Kummissarju għall-finijiet ta' VAT bejn il-21 ta' Frar 2005 u l-1 ta' Diċembru 2018. Josephine Harmsworth, kienet reġistrata mal-Kummissarju għall-finijiet ta' VAT sa mill-11 ta' Ottubru 2018. Ir-reġistrazzjoni tagħhom hija personali u m'hemm ebda VAT reġistrat la fuq il-*confectionery* u lanqas fuq il-banka tal-lottu. Mid-dokumenti ppreżentata minnha[40] jirriżulta s-segwenti:

Mid-dikjarazzjonijiet magħmulha minn Alan Harmsworth fir-*returns* tal-VAT tiegħu:

| Perjodu | Total Bejgħ (dikjarat) (€) | Total Infiq (dikjarat) (€) | Profitt (€) |
|---|---|---|---|
| 01/02/2015 – 31/01/2016 | 225,752.36 | 202,697.10 | 23,055.26 |
| 01/02/2016 – 31/01/2017 | 224,050.38 | 210,525.05 | 13,525.33 |
| 01/02/2017 – 31/01/2018 | 232,971.01 | 215,109.97 | 17,861.04 |
| 01/02/2018 – 31/01/2019 | 185,354.69 | 169,288.06 | 16,066.63 |

---

[38] Ara x-xhieda mogħtija fit-28 ta' Settembru 2021, a fol. 6411 tal-atti proċesswali.
[39] Ara x-xhieda mogħtija nhar it-3 ta' Frar 2021, a fol. 131 tal-atti proċesswali.
[40] A fol. 140 et seq tal-atti proċesswali.

Mid-dikjarazzjonijiet magħmulha minn Josephine Harmsworth fir-r*eturns* tal-VAT tagħha:

| Perjodu | Total Bejgħ (dikjarat) (€) | Total Infiq (dikjarat) (€) | Profitt (€) |
|---|---|---|---|
| 01/10/2018 – 31/12/2018 | 9,566.05 | 4,052.79 | 5,513.26 |
| 01/01/2019 – 29/02/2020 | 224,026.43 | 145,835.82 | 78,190.61 |
| 01/03/2020 – 31/08/2020 | 114,388.12 | 80,676.68 | 33,711.44 |

Illi r-rappreżentant tal-Kummissarju tat-Taxxi, sezzjoni Inland Revenue, Joseph Debono xehed[41] illi la l-*confectionery* u l-anqas il-banka tal-lottu m'huma reġistrati għall-finijiet ta' taxxa. Hu ppreżenta t-*tax statements* tal-akkużat Alan Harmsworth (li jinkludu wkoll l-introjtu tal-imputata Josephine Harmsworth). Fir-rigward tal-akkużata Josephine Harmsworth jirriżulta illi hi m'għamlitx dikjarazzjonijiet f'isimha iżda l-introjtu tagħha hu inkluż ma' dak tal-akkużat Alan Harmsworth. Minn dawn it-*tax statements* jirriżulta s-segwenti dħul dikjarat mill-akkużati:

| Sena ta' Stima | Alan Harmsworth (€) | Josephine Harmsworth (€) | Total (€) |
|---|---|---|---|
| | | | |
| 2016 | 23,780.00 | 12,269.00 | 36,049.00 |
| 2017 | 22,438.00 | 22,653.00 | 45,091.00 |
| 2018 | 21,674.00 | 24,353.00 | 46,027.00 |
| 2019 | 18,992.00 | 29,393.00 | 48,385.00 |

Illi Joseph Debono, reġa' xehed quddiem din il-Qorti u ppreżenta l-formoli tal-*Income Tax and Self Assessment* għas-snin YA2016 sa YA 2019.[42]

Ir-rappreżentant ta' Maltco Lotteries Ltd Lino Micallef Borg xehed[43] illi l-akkużata Josephine Harmsworth għall-ewwel setgħet tbiegħ biss

[41] Ara x-xhieda mogħtija nhar it-3 ta' Frar 2021, a fol. 166 tal-atti proċesswali.
[42] Ara x-xhieda mogħtija nhar it-5 ta' Mejju 2021, a fol. 5737 tal-atti proċesswali.
[43] Ara x-xhieda mogħtija nhar it-3 ta' Frar 2021, a fol. 199 tal-atti proċesswali.

*scratchcards* sussegwentement ġabet permess sabiex tbiegħ minn *confectionery* fejn setgħet tbiegħ biss ċerta prodotti tal-logħob ta' Maltco Lotteries Limited (SPOS). Eventwalment saret aġenta ta' Maltco Lotteries Ltd u setgħet tbiegħ il-biljetti tal-logħob kollu. Qal li r-rata tal-*commission* li jieħu aġent meta jbiegħ biljett hija ta' 7% filwaqt li r-rata ta' meta klijent jinkassa biljett rebbieħ hu ta' 2% fuq l-inkass. Qal li l-aġent inaqqas il-*commission* dovuta mill-bejgħ tiegħu u imbagħad jgħaddi d-differenza lil Maltco Lotteries Limited. Qal li sabiex tmexxi banka tal-lottu, persuna jkollha bżonn liċenzja mill-Malta Gaming Authority. Qal li l-bejgħ tal-logħob tagħhom huwa *exempt without credit*, jiġifieri ma jinġabarx VAT fuq il-bejgħ. Hu ppreżenta statement of income ta' Josephine Harmsworth mal-Maltco Lotteries Limited. Mid-dokumenti ppreżentati minnu jirriżulta illi l-akkużata Josephine Harmsworth bdiet tbiegħ prodotti bħala *street vendor* sa mill-2012 u bdiet tbiegħ prodotti limitati bħala SPOS mill-2013 filwaqt li bdiet topera bħala aġenzija fl-2015. L-introjtu tagħha bħala *street vendor* huwa negliġibbli. Mid-dokumenti ppreżentati jirriżulta s-segwenti:

| Sena | Dħul (€) |
|---|---|
| 2012 | 387.18 |
| 2013 | 10,571.89 |
| 2014 | 11,019.87 |
| 2015 | 40,668.34 |
| 2016 | 51,012.86 |
| 2017 | 55,765.17 |
| 2018 | 60,196,86 |
| 2019 | 53,420.96 |
| 2020 | 48,639.94 |
| 2021 (1 Jan – 24 Jan) | 4,810,10 |

**Assi**:

Ir-rappreżentanta tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku Dr Sonia Consiglio xehdet[44] u ppreżentat ir-riċerki magħmula fir-Reġistru Pubbliku fir-rigward tal-akkużati. Minn dawn ir-riċerki jirriżulta li l-akkużati għandhom is-segwenti propjetajiet:

- Fond bl-isem "Ave Maria", Fisherman Street, Marsa, liema fond ġie akkwistat fit-8 ta' Frar 2001 b'self minn HSBC Bank Malta Ltd;

- Fond bin-numru "64", Triq il-Kapuċċini, Marsa, liema fond ġie akkwistat fit-2 ta' April 2008 b'self minn HSBC Bank Malta Ltd;

- Fond bin-numru "87", Marsa Road, Marsa, liema fond ġie akkwistat fit-30 ta' Awwissu 2010 b'self minn HSBC Bank Malta Ltd;

- Fond bin-numru "3", Triq l-Għabex, Marsa, liema fond ġie akkwistat fit-30 ta' Awwissu 2010 b'self minn HSBC Bank Malta Ltd;

- Fond bin-numru "52", Racecourse Street, Marsa, liema fond ġie akkwistat fl-4 ta' Jannar 2012 b'self minn HSBC Bank Malta Ltd;

- Għalqa msejjħa "Ta Xolxa", kontrada "Ta Wied is-Sewda", fil-limiti ta' Ħal-Qormi, bil-kejl superfiċjali ta' 748.41m$^2$ akkwistata fid-9 ta' Settembru 2019 għall-prezz ta' €100,000. Mix-xhieda tar-rappreżentanta tal-Bank of Valletta plc Joanna Bartolo jirriżulta illi l-akkużati ħadu *personal loan* fl-ammont ta' €60,000 għall-akkwist ta' din il-propjetà.

Huma għandhom ukoll pendenti loan mal-HSBC Bank Malta Ltd u loan ieħor mal-Bank of Valletta plc. Huma għandhom ukoll *overdraft facility* mal-Bank of Valletta plc għall-ammont globali ta' €40,000.

Dwar il-fond minn fejn joperaw il-confectionery, jidher mir-riċerki li dan ingħata b'legat in piena propjetà lil wieħed mill-aħwa tal-akkużat Alan

[44] Ara x-xhieda mogħtija fil-5 ta' Mejju 2021 a fol. 5779 tal-atti proċesswali.

Harmsworth mill-eredità tan-nanna materna. Mill-provi prodotti in atti jirriżulta li dan il-fond huwa miżmum mill-akkużat b'titolu ta' kera u fil-fatt mid-dokumenti *profit and loss* sottomessi għall-finijiet tat-taxxa hemm entratura "rent" taħt "expenses" għalkemm m'huwiex ċar jekk din il-kera tirreferix għall-propjetà minn fejn jiġġestixxu l-*confectionery* tagħhom jew għall-banka tal-lottu li wkoll irriżulta li hija miżmuma b'titolu ta' kera.[45]

Illi Miriam Azzopardi[46], rappreżentanta tal-Borża ta' Malta xehdet illi Josephine Harmsworth għandha s-segwenti investimenti:

| Isem tal-investiment | Bilanċ |
|---|---|
| 2.1% Malta Government Stock 2039 (I) | 40,000 |
| 3.75% Mercury Projects Finance plc Secured Bonds 2027 | 4,000 |
| 3.8% Hili Finance Company plc Unsecured Bonds 2029 | 15,000 |
| 3.85% Hili Finance Company plc Unsecured Bonds 2028 | 4,000 |

Ir-Rappreżentant ta' Transport Malta, Stephen Cachia, xehed[47] u ppreżenta d-dettalji tal-vetturi li għandhom irreġistrati fuq isimhom l-akkużati kif ukoll dawk li kienu reġistrati fuqhom fil-passat. Mid-dokumenti ppreżentati minnu,[48] jirriżulta illi l-akkużati għandhom reġistrati fuq isimhom is-segwenti vetturi:

- **Josephine Harmsworth:**

[45] Għas-snin 2015 sa 2018, Alan Harmsworth kien jiddikjara €2,460 bħala kera annwali u Josephine Harmsworth kienet tiddikjara €1,825 bħala kera annwali. Fl-2019, Alan Harmsworth ma baqax jissottometti Profit and loss accounts u l-kera fl-ammont ta' €2,460 għall-2019 iddikjaratha Josephine Harmsworth. Josephine Harmsworth ma ddikjaratx il-kera solita annwali ta' €1,825 għas-sena 2019.

[46] Ara x-xhieda mogħtija fit-30 ta' Mejju 2022, a fol. 7451 tal-atti proċesswali.

[47] Ara x-xhieda mogħtija fil-5 ta' Mejju 2021, a fol. 5810 tal-atti proċesswali.

[48] Ara Dok "SCX1" et seq a fol. 5813 tal-atti proċesswali.

- **Citroen Berlingo** bis-sena ta' manifattura 2015 u bin-numru ta' reġistrazzjoni GCA-918 (Fir-rapport tal-Uffiċċju għall-irkupru tal-Assi hija stmata għall-valur ta' €10,500)[49]

- **Alan Harmsworth:**

  - **Triumph Herald** bis-sena ta' manifattura 1969 u bin-numru ta' reġistrazzjoni KAT-173 (din il-vettura ġiet *garaged* fis-7 ta' Ottubru 1998);

  - **BMW 740D SE Auto**, bis-sena ta' manifattura 2012 u bin-numru ta' reġistrazzjoni CCD-693 (Fir-rapport tal-Uffiċċju għall-irkupru tal-Assi hija stmata għall-valur ta' €5,000)[50]

  - **BMW 320D SE** bis-sena ta' manifattura 2008 u bin-numru ta' reġistrazzjoni KEI-121 (Fir-rapport tal-Uffiċċju għall-irkupru tal-Assi hija stmata għall-valur ta' €5,300)[51]

  - **Mercedes Benz S 350** bis-sena ta' manifattura 2015 u bin-numru ta' reġistrazzjoni HBV-697 (JOS ALA) (Fir-rapport tal-Uffiċċju għall-irkupru tal-Assi hija stmata għall-valur ta' €40,000 - €45,000)[52]

  - **Mercedes Benz B200 CDI SE** bis-sena ta' manifattura 2005 u bin-numru ta' reġistrazzjoni IBT-531 (Fir-rapport tal-Uffiċċju għall-irkupru tal-Assi hija stmata għall-valur ta' €4,200)[53]

---

[49] A fol. 6911 tal-atti proċesswali.
[50] A fol. 6652 tal-atti proċesswali.
[51] A fol. 6658 tal-atti proċesswali.
[52] A fol. 6647 tal-atti proċesswali.
[53] A fol. 6642 tal-atti proċesswali.

Illi l-istess xhud ippreżenta wkoll lista ta' vetturi li fil-passat kienu reġistrati f'isem Alan Harmsworth. Minn dan id-dokument jirriżulta illi huwa kellu 30 vettura reġistrati fuq ismu tul is-snin.[54]

Illi Jesmond Silvio, in rappreżentanza ta' Malta Enterprise xehed[55] illi l-akkużata Josephine Harmsworth irċeviet xi sussidji għall-pagi taħt l-iskema li kienet applikabbli fi żmien il-pandemija tal-COVID-19, liema sussidji kienu dovuti lill-impjegati tagħha. Qal li hi applikat darbtejn taħt din l-iskema:

- l-ewwel applikazzjoni saret fis-16 ta' April 2020 b'rabta mal-banka tal-lottu fejn il-Malta Enterprise tat għajnuna bħala *wage supplement* b'rabta ma impjegata waħda fuq bażi *casual*. L-ammont totali ta' benefiċċju mħallas kien ta' €2,118.90;

- It-tieni applikazzjoni saret fit-23 ta' April 2020 b'rabta mal-confectionery fejn il-Malta Enterprise tat għajnuna bħala *wage supplement* għal żewġ impjegati, waħda minnhom impjegata fuq bażi *casual* u l-oħra hi Josephine Harmsworth stess. L-ammont totali ta' benefiċċju mħallas kien ta' €3,429.07;

Xehed li dawn il-pagamenti saru lill-akkużata Josephine Harmsworth.

Illi Dr Ismael Buttigieg, in rappreżentanza tad-Direttur tal-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi, xehed[56] u ppreżenta r-rapporti dwar l-assi tal-akkużat Alan Harmsworth[57] u ta Josephine Harmsworth.[58]

[54] Ara dok "SCX4" a fol. 5823 tal-atti proċesswali.
[55] Ara x-xhieda mogħtija fid-19 ta' Mejju 2021, a fol. 6137 tal-atti proċesswali.
[56] Ara x-xhieda mogħtija fis-17 ta' Novembru 2021, a fol. 6536 tal-atti proċesswali.
[57] A fol. 6541 tal-atti proċesswali.
[58] A fol. 6664 tal-atti proċesswali.

**Xhieda Oħra:**

Illi r-rappreżentant ta' JobsPlus Joseph Saliba xehed[59] illi sad-data ta' meta xehed hu, l-akkużat Alan Harmsworth ma kienx reġistrat magħhom. Spjega li jekk persuna ma tkunx *available* u *fit for work*, ma tkunx tista' tiġi reġistrata għax-xogħol. Qal li huma ma jkollhomx informazzjoni dwar jekk persuna tkunx qed tirċievi xi benefiċċji soċjali jew le. Mid-dokumenti ppreżentati minnu jirriżulta illi

- Alan Harmsworth:
    - Fl-1 ta' April 2005, irreġistra bħala *self employed* - *full time* (Confectioner) u li jaħdem fil-*confectionery* u baqa' hekk reġistrat sakemm irriżenja fil-11 ta' Ottubru 2018. Preżentement m'huwiex reġistrat bħala ħaddiem.
- Josephine Harmsworth:
    - Fit-12 ta' Settembru 2007 irreġistrat bħala impjegata part-time casual tal-*confectionery* (Helper).
    - Fis-16 ta' Marzu 2015 irreġistrat bħala self-employed, full-time – indefinite mal-confectionery (Owner);
    - Fl-10 ta' Ottubru 2018 itterminat l-impjieg tagħha part-time - casual mal-*confectionery* (Helper);
    - Fil-11 ta' Ottubru 2018 irreġistrat bħala self-employed part-time (Owner);

[59] Ara x-xhieda mogħtija nhar it-3 ta' Frar 2021, a fol. 190 tal-atti proċesswali.

- Fil-21 ta' Ottubru 2020 itterminat l-impjieg tagħha full-time - indefinite (Owner); u

- Fit-22 ta' Ottubru 2020 irreġistrat bħala self-employed part-time (Confectionery Owner).

Illi David Ecott, rappreżentant tal-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta xehed[60] illi biex twettaq attività regolata mill-Att dwar il-Kummerċ Bankarju jew mil-Att dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji għandek bżonn liċenzja appożita. Qal li l-attività ta' tisrif ta' ċekkijiet fuq bażi regolari hija attività li jkollha bżonn liċenzja mill-Awtorità.

Illi Gordon Bugeja, *Analyist due diligence* fi ħdan l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta xehed[61] illi l-akkużati qatt ma kellhom liċenzja miżmuma mal-Awtorità biex joperaw fis-settur finanzjarju.

Illi l-process-verbal flimkien mal-atti ta' l-in genere ġew ppreżentati in atti nhar il-5 ta' Mejju 2021.[62]

Illi Ignatius Ciantar, rappreżentant tar-Reġistru Pubbliku xehed[63] u ppreżenta ċ-ċertifikat taż-żwieġ tal-akkużati u minnu jirriżulta illi huma żżewġu fis-7 ta' Diċembru 1996.[64]

Illi Dr Martin Bajada xehed[65] u ppreżenta *clones* tal-kompjuters li ġew elevati waqt l-eżekuzzjoni tal-Mandat ta' Arrest u Tfittxija, liema kompjuters huma HP Envy u HP ProBook 4540S u xehed illi l-valur tagħhom huwa ta' €490 u €150 rispettivament. Illi huwa ppreżenta wkoll ir-rapport tiegħu dwar estrazzjoni li wettaq minn devices elevati mill-pulizija waqt l-eżekuzzjoni tal-Mandat ta' Qbid u Tfittxija, ossija Ċellulari One Plus;

[60] Ara x-xhieda mogħtija fl-4 ta' Novembru 2022, a fol. 7573 tal-atti proċesswali.
[61] Ara x-xhieda mogħtija fid-9 ta' Frar 2021, a fol. 5022 tal-atti proċesswali.
[62] Ara x-xhieda mogħtija fil-5 ta' Mejju 2021, a fol. 5615 et seq tal-atti proċesswali.
[63] Ara x-xhieda mogħtija fil-5 ta' Mejju 2021, a fol. 5807 tal-atti proċesswali.
[64] Ara dok "IC" a fol. 5809 tal-atti proċesswali.
[65] Ara x-xhieda mogħtija fis-17 ta' Marzu 2021, a fol. 5089 tal-atti proċesswali u dik mogħtija fl-24 ta' Marzu 2021 a fol. 5100 tal-atti proċesswali.

ċellulari Xiaomi; żewġ SD Cards u Pen Drive u tablet Samsung. Minn din l-estrazzjoni, ma ħareġ xejn ta' interess għal din il-kawża.[66]

**Xhieda Pajżana, jew aħjar, klijenti:**

Illi Ibrahima Diallo xehed[67] illi huwa kien imur jixtri mill-*confectionery* tal-akkużata u anke ġieli jsarraf iċ-ċekkijiet tiegħu. Spjega li ċ-ċekkijiet kienet issarrafhomlu Josephine Harmsworth u li kienet iżżommlu ġieli €10 u ġieli €16 fuq kull cheque. Qal li hu jirċievi c-cheque tal-paga kull ġimgħatejn u kien imur isarrfu għandha kif ukoll jagħmel ix-xirja. Ġieli mar isarrfu wkoll f'post Birżebbugia. Qal li sar jaf b'dan is-servizz darba meta kien qed jixtri fil-ħanut u ra ħafna persuni Afrikani jistennew fil-kju. Meta saqsa' x'kienu qed jistennew qalulu li kienu qed jistennew biex isarrfu c-cheque tagħhom. Qal li l-attività tat-tisrif taċ-ċekkijiet ġieli kienet tkun bieżla u ġieli le. In kontro-eżami qal li f'xi darbtejn jew tlieta ġieli kien jixtri bid-dejn mill-confectionery u l-akkużata kienet iżżommlu xi dokumenti. Imbagħad, meta jirċievi ċ-cheque kien imur bih għandha u hi kienet taqta' d-dejn u żżomm €10 extra. Kienet ukoll trodd lura d-dokumenti li tkun żammet. Qal li f'dak iż-żmien hu ma kellux kont bankarju però imbagħad fl-2019 fetaħ kont mal-bank u ma baqax isarraf iċ-ċekkijiet. Qal li huwa kien jaħdem il-Marsa dak iż-żmien. Qal li wara li fetaħ il-kont bankarju tiegħu, hu ma baqax isarraf iċ-ċekkijiet u kien jirċievi l-paga direttament il-Bank.

Illi Andrew Galea[68] xehed illi hu kien imur jixtri mill-ħanut tal-akkużata u dejjem ra l-akkużata hemm. Qal li darba kien saqsa lil ħabib tiegħu fejn seta' jsarraf iċ-ċekkijiet u indikawlu lill-akkużata. Qal li ġieli mar isarraf iċ-ċekkijiet tax-xogħol hemm. Qal li kienet titolbu €3 jekk iċ-cheque kien ta' €500, jew ġieli €4 jekk ikun ta' aktar. Kienet tagħtih il-flus dak il-ħin stess. Qal li dawn iċ-ċekkijiet kienu ta' xogħol li jkun għamel. Spjega li għalkemm mar aktar minn darba, ma tantx mar isarraf għandha u mistoqsi in kontro-eżami jekk marx aktar minn ħames darbiet qal li ma jiftakarx. Qal li ċ-

[66] Ara x-xhieda mogħtija fis-17 ta' Novembru 2021, a fol. 6445 et seq tal-atti proċesswali.
[67] Ara x-xhieda mogħtija fid-9 ta' Frar 2021, a fol. 5026 tal-atti proċesswali.
[68] Ara x-xhieda mogħtija fid-9 ta' Frar 2021, a fol 5042 tal-atti proċesswali.

ċekkijiet kienu jkunu miktubin fuq ismu. Hu kien jiffirmah u hi kienet issarrafulu. Qal li kien juża s-servizz tagħha għaliex kien idum fuq ix-xogħol u kien ikollu bżonn xi ħaġa tal-flus, u b'hekk kien imur isarraf għand l-akkużata.

Illi Darren Debono xehed[69] illi hu kien jixtri kemm mill-ħanut kif ukoll mill-banka tal-lottu. Qal li kien iħallasha biċ-cheque li jkollu u d-differenza jeħodha affarijiet mingħandha jew mill-Banka tal-lottu. Qal li normalment kien jara lill-akkużata fil-Banka tal-lottu. Qal li kien jagħmel hekk minħabba li ma setax isarraf ċekkijiet il-Bank minħabba proċeduri li kellu u b'hekk, biex ma jitlifx iċ-cheque, kienu jpartu ma' diversi affarijiet jew jilgħab id-differenza lottu. Qal li ma kienet iżżommlu xejn ta' dan is-servizz.

Illi Stephania Mizzi xehdet[70] illi hija kienet tirrisjedi ħdejn il-ħanut tal-akkużati u ġieli kienet tixtri bid-dejn. Meta imbagħad kienet tirċievi ċ-cheque fl-aħħar tax-xahar kienet tmur taqta' d-dejn li jkollha u d-differenza kienet teħodha fi flus mingħand l-akkużata. Qalet li ta' dan is-servizz l-akkużati qatt ma żammew flus żejda.

Illi Lisa Grech xehdet[71] illi hi kienet tmur tixtri u kienet ġieli ssarraf iċ-ċekkijiet taċ-*children's allowance* u tar-relief tar-raġel. Dwar Childrens' Allowance kienet tirċievi ċekk kull tlett xhur u waqfet tirċeviehom meta t-tifel għalaq 16-il sena, (ċioè 9 snin qabel ma xehdet, li jmur lura sal-2012). Dwar iċ-cheque tar-relief waqfet issarrafhom meta r-raġel beda jaħdem, però ma tiftakarx meta. Qalet li l-akkużata kienet iżżomm xi €5 talli ssarraf iċ-cheque. Qalet li ġieli kienet tmur għandha u ġieli kienet issarraf iċ-cheque il-bank. Qalet li kienet tkun tara n-nies issarrfu ċ-ċekkijiet u staqsietha jekk tistax issarraf iċ-ċekkijiet tagħha hemm ukoll.

Illi David Borg xehed[72] illi hu kien mar xi darbtejn isarraf iċ-ċekkijiet tal-paga fil-confectionery madwar erba' snin qabel ma xehed (ċioè jiġi ċirka

[69] Ara x-xhieda mogħtija fid-9 ta' Frar 2021, a fol 5052 tal-atti proċesswali.
[70] Ara x-xhieda mogħtija fid-9 ta' Frar 2021, a fol 5061 tal-atti proċesswali.
[71] Ara x-xhieda mogħtija fid-9 ta' Frar 2021, a fol 5067 tal-atti proċesswali.
[72] Ara x-xhieda mogħtija fl-1 ta' Lulju 2021, a fol. 6318 tal-atti proċesswali.

2017). Qal li kien ikun hemm mara u kienet ittiħ *cash* dak il-ħin b'xi ħaġa nieqsa. Qal li kien imur għandha peress li ma kienx ikollu ċans imur sal-Bank peress li kien jaħdem mit-Tnejn sas-Sibt u ġieli anke l-Ħadd fil-ħinijiet fejn il-Bank ikun miftuħ.

Illi Andre McKay xehed[73] illi hu ġieli kien imur jixtri mill-ħanut tal-akkużata u ġieli kien isarraf iċ-ċekkijiet tal-paga għand l-akkużata. Qal li hi kienet itthomlu cash b'madwar €5 nieqsa. Qal li kien imur isarraf iċ-cheque kull l-aħħar tax-xahar. Dan kien qisu fl-2015. Qal li mar isarraf iċ-ċekkijiet madwar ħames darbiet. Kien isarraf għandha għax kellu problema ma fornitur u l-flus tal-bank kienu miżmumin.

Illi Ejob Bekele xehed[74] illi hu kien sarraf iċ-ċekk tal-paga darba fil-*confectionery*. Qal li tawh *cash* u żammew €1 fuq kull €100 għas-servizz. Qal li l-paga kienet bejn €500 jew €600 kull ġimgħatejn. Qal li kien imur għandha peress li l-Bank kien jieħu ż-żmien biex isarraflu ċ-ċekk u kien anke jżommlu madwar €5.

Illi Bubaker Sidibi xehed[75] illi huwa kien jirċievi l-paga permezz ta' cheque. Qal li bejn 2015 u 2017 ġieli kien imur il-ħanut tal-akkużata biex jixtri l-bżonnijiet u kienet issarraflu ċ-ċekk ukoll. Kienet tgħidlu biex jiffirmaħ fuq wara u jikteb in-numru tal-karta tal-identità tiegħu. Ta' dan is-servizz ġieli kienet iżżommlu €5 fuq kull ċekk.

**Amministratur:**

Illi fl-14 ta' Lulju 2021[76] il-Qorti ħatret ukoll lil Reuben Buttigieg bħala amministratur tal-*confectionery* u tal-banka tal-lottu. Minn informazzjoni li kiseb u ppreżentat fir-rapport tiegħu[77] l-amministratur stabbilixxa li hemm kuntratt ta' kera bejn Alan Harmsworth u Lawrence Brincat tal-garage li jintuża bħala*confectionery* għal żmien 20 sena mit-28 ta' Marzu 2005 bir--

[73] Ara x-xhieda mogħtija fl-1 ta' Lulju 2021, a fol. 6328 tal-atti proċesswali.
[74] Ara x-xhieda mogħtija fl-1 ta' Lulju 2021, a fol. 6335 tal-atti proċesswali.
[75] Ara x-xhieda mogħtija fl-4 ta' Novembru 2022, a fol. 7577 tal-atti proċesswali.
[76] Ara d-Digriet relattiv a fol. 6354 tal-atti proċesswali.
[77] A fol. 6399 tal-atti proċesswali.

rata ta' Lm3.75 kera għal kul jum għall-ewwel 5 snin u Lm 4.75 kera għall-bqija taż-żmien. Il-kera hi pagabbli kull tlett xhur bil-quddiem (Vol 8 fol 6400). Qal li l-kondizzjoni tal-business hi ftit ħażina u li jeħtieġ li l-*business* jirregolarizza l-pożizzjoni tiegħu mal-Awtoritajiet fiskali u anke jidħol *f'repayment plan* biex iħallas id-djun li għandu. Qal li ma sabx evidenza li qatt sar *stock taking* tal-*confectionery*.

Illi l-amministratur xehed[78] illi, fost l-oħrajn, ma kienx qed isib ko-operazzjoni minn Josephine Harmsworth fl-amministrazzjoni tiegħu. Sab diffikultajiet biex isib min hu l-*accountant* tal-akkużati u jikkomunika miegħu. Qal li hemm diversi żbalji fil-*punching* tal-bjegħ fil-*cash register* u li hemm diskrepanzi kbar bejn il-figuri li ħareġ mill-cash register u dawk miktuba fil-VAT return. Fil-fehma tiegħu jidher li mhux il-bejgħ kollu qed jiġi reġistrat fil-*cash register*. Mir-rapport ppreżentat minnu[79] jirriżulta illi l-akkużata baqgħet tħallas lill-fornituri *b'cash*, minkejja li l-amministratur taha struzzjonijiet biex kwalunkwe somma 'l fuq minn €500 ma tħallashiex b'cash. Kien hemm okkażjonijiet fejn l-assistenti tiegħu akkwistaw *cards* tat-telefonija u ma ngħatawx riċevuti fiskali. Kien hemm drabi fejn Josephine Harmsworth irrifjutat li tiltaqa' miegħu u anke ma għaddietlux il-ftehim li kellha mal-fornituri tagħha u lanqas il-kuntratt ta' kera tal-propjetà fejn hemm il-banka tal-lottu.

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi prodotti jirriżulta illi fl-2005, l-akkużati krew il-fond fejn llum-il ġurnata hemm il-*confectionery* u li fl-1 ta' April 2005, l-akkużat Alan Harmsworth beda jaħdem fuq bażi *full-time* f'dan il-ħanut. Jirriżulta wkoll li l-involviment ta' l-akkużata Josephine Harmsworth f'dan il-ħanut formalment beda fit-12 ta' Settembru 2007. Jirriżulta li Alan Harmsworth formalment irriżenja mit-tmexxija ta' dan il-ħanut fl-2018 filwaqt li Josephine Harmsworth irreġistrat bħala *full-time* f'dan il-ħanut fis-16 ta'

[78] Ara x-xhieda mogħtija fis-17 ta' Novembru 2021, a fol. 6917 tal-atti proċesswali. Ara wkoll in-nota sottomessa minnu a fol. 6929 tal-atti proċesswali.
[79] A fol. 6931 tal-atti proċesswali.

Marzu 2015 u llum-il ġurnata hija reġistrata bħala "self-employed part-time" f'dan il-ħanut.

Illi għalkemm formalment l-akkużata Josephine Harmsworth tidher li qed taħdem fuq bażi *part-time*, mill-provi miġjuba mill-prosekuzzjoni u anke mill-istqarrija rilaxxata minnha stess jirriżulta ampju li l-akkużata Josephine Harmsworth taħdem siegħat twal ħafna u kulljum, anke fil-Ħdud u l-festi. B'hekk diġà jirriżulta lill-Qorti illi hemm diskrepanza serja bejn dak li Josephine Harmsworth iddikjarat ma' *JobsPlus* bħala status tal-impjieg tagħha u dak li effettivament taħdem.

Illi dwar l-*istatus* ta' Alan Harmsworth b'rabta mal-ħanut, jirriżulta li hu rriżenja minn dan l-impjieg fil-11 ta' Ottubru 2018. Għalkemm dakinhar li l-pulizija wettqet il-Mandat ta' Arrest u Tfittxija, ħadd mix-xhieda pajżana li ressqet il-prosekuzzjoni ma qal li Alan Harmsworth kien isarfilhom xi ċekk jew li saħansitra rawh il-ħanut. Għalhekk, il-Qorti ssib li dak li stqarr fl-istqarrija tiegħu, ċioè li rari ħafna li jmur il-ħanut u jmur biss meta jkollu bżonn xi ħaġa, issib li huwa minnu.

Dwar il-Banka tal-lottu, ġie ppruvat ukoll li Josephine Harmsworth bdiet tagħmel dan ix-xogħol bil-bejgħ tal-*scratchcards* sa mill-2012 u eventwalment bdiet topera bħala aġenzija fl-2015. Il-permess meħtieġa ma' Maltco huma f'isimha u ma tressqet ebda prova li Alan Harmsworth kellu xi involviment f'din l-attività kummerċjali.

Illi mill-provi prodotti, rriżulta wkoll illi l-ġestjoni kummerċjali ma kienitx qed titmexxa minn xi soċjetà kummerċjali. B'hekk, il-Qorti tista' tistabbilixxi li l-ġestjoni tal-attività kummerċjali sija tal-*confectionery* kif ukoll tal-banka tal-lottu kien esklussivament f'idejn l-akkużata Josephine Harmsworth fil-vesti personali tagħha.

Ikkonsidrat;

Illi l-ewwel akkuża miġjuba kontra l-akkużati hija dik stipulata fl-Artikoli 5(1), 35(1)(e)(2)(3), 2(1)(2) u l-iskeda tal-Att dwar il-Kummerċ Bankarju, Kapitolu 371 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi l-Artikolu 5(1) tal-Kap. 371 tal-Liġijiet ta' Malta jistipula illi:

> *"**5.** (1) Ebda kummerċ bankarju ma għandu jsir f'Malta jew minn Malta ħlief minn kumpannija li jkollha liċenza mogħtija taħt dan l-Att mill-awtorità kompetenti."* (emfasi tal-Qorti)

Illi "awtorità kompetenti" hija mfissra mill-Artikolu 2(1) tal-Kap. 371 tal-Liġijiet ta' Malta bħala l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta stabbilita bil-Kap. 330 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi "kummerċ bankarju" hija mfissra mill-Artikolu 2(1) tal-Kap. 371 tal-Liġijiet ta' Malta bħala:

> "*"kummerċ bankarju" tfisser il-kummerċ ta' persuna li kif speċifikat fl-artikolu 2A taċċetta depożitu ta' flus mill-pubbliku li jistgħu jiġu rtirati jew imħallsa lura fuq talba jew wara perijodu stabbilit jew wara avviż jew li tissellef jew tiġbor flus mingħand il-pubbliku (inkluż is-self jew ġbir ta' flus bil-ħruġ ta' obbligazzjonijiet jew stock ta' obbligazzjonijiet jew strumenti oħra li joħolqu jew jirrikonoxxu dejn), f'kull każ bl-iskop li dawk il-flus jintużaw kollha jew f'parti billi jkunu mislufa lil terzi jew xort'oħra jkunu investiti akkont u għar-riskju tal-persuna li taċċetta dawk il-flus*;"

Illi l-Artikolu 2A tal-Kap. 371 tal-Liġijiet ta' Malta li għalih tagħmel referenza din it-tifsira ta' "kummerċ bankarju" jistipula illi:

> *"**2A.** Persuna li ma tkunx istituzzjoni ta' kreditu għandha tkun projbita milli twettaq il-kummerċ li tirċievi depożiti jew fondi ripagabbli oħra mill-pubbliku. Persuna titqies li tkun qiegħda*

*taċċetta depożiti ta' flus bħala parti regolari mill-kummerċ tagħha, jekk, sew bħala prinċipal jew bħala aġent, tirreklama jew titlob depożiti bħal dawk, bla ma jitqiesu l-pattijiet u l-kondizzjonijiet li depożiti bħal dawk jintalbu jew jiġu riċevuti taħthom u bla ma jitqies jekk jiġux maħruġa ċertifikati jew strumenti oħra dwar kull depożitu bħal dak:"*

Illi fir-Rinviju għall-ġudizzju, l-Avukat Ġenerali rabat din l-ewwel akkuża mal-Artikolu 5(1) tal-Kap. 371 tal-Liġijiet ta' Malta u n-nuqqas ta' tħaris ta' dan l-artikolu huwa reat ai termini tal-Artikolu 35(1)(e) tal-istess Kap. Rabat din l-akkuża wkoll mal-iskeda tal-istess Att. Jirriżulta madanakollu illi fit-28 ta' Diċembru 2021, l-Kap. 371 tal-Liġijiet ta' Malta ġie emendat bl-Att LXXI tal-2021 u daħlet Skeda addizzjonali fl-istess Att. B'hekk, fid-data ta' meta l-Avukat Ġenerali bagħat ir-Rinviju tal-ġudizzju, ċioè fid-09 ta' Diċembru 2022 l-Att Dwar il-Kummerċ Bankarju kellu żewġ skedi u mhux waħda. Jirriżulta għalhekk li l-Avukat Ġenerali naqas milli jidentifika f'liema skeda, mit-tnejn eżistenti, kien qed jipprospetta l-eżistenza tar-reat *de quo*. Illi l-Avukat Ġenerali lanqas ma kkwota l-Artikolu 2(2) tal-Kap. 371 tal-Liġijiet ta' Malta biex jagħmel referenza għall-ewwel skeda tal-Att.

Illi mill-provi prodotti ma jirriżultax illi l-akkużati, jew min minnhom, aċċettaw depożiti mill-pubbliku jew sellfu jew ġabru flus mill-pubbliku bl-iskop li jintużaw, imqar f'parti minnhom, billi jkunu mislufa lil terzi jew b'xi mod ieħor investiti akkont u għar-riskju tal-akkużati. Ma tressqet l-ebda prova wkoll li l-akkużati rċevew depożiti jew fondi ripagabbli oħra mill-pubbliku jew li irreklamaw jew talbu depożiti bħal dawk.

Illi għalhekk, hija l-fehma tal-Qorti li ġaladarba l-provi prodotti quddiem din il-Qorti ma jissodisfawx ebda element minn dawk meħtieġa sabiex jissusisti dan ir-reat, u kwindi din l-ewwel akkuża, l-Qorti qed issib illi l-prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova din l-ewwel akkuża u qed tillibera lill-akkużati minnha.

Ikkonsidrat;

Illi t-tieni akkuża miġjuba kontra l-akkużati hija dik stipulata fl-Artikoli 3(1)(1A), 22(1)(f)(3)(4) u l-ewwel skeda tal-Atti Dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji, Kapitolu 376 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi l-Artikolu 3(1) tal-Kap. 376 tal-Liġijiet ta' Malta jistipula illi:

> *"**3.** (1) L-ebda attività elenkata fl-Ewwel Skeda ta' dan l-Att, minbarra servizzi ta' informazzjoni dwar kontijiet, m'għandha tiġi tranżatta regolarment jew abitwalment, fi jew minn Malta, ħlief minn kumpannija li jkollha liċenzja mogħtija taħt dan l-Att mill-awtorità kompetenti:"*

Illi l-paragrafu Nru 5 tal-Ewwel Skeda jfisser bħala "Attivitajiet ta' Istituzzjonijiet Finanzjarji" is-segwenti:

> *"5. Ħruġ u amministrazzjoni ta' mezzi ta' pagament oħra (travellers cheques u ċedoli bankarji u strumenti bħal dawk) sakemm din l-attività ma tkunx taqa' taħt il-punt 4 hawn qabel;"*

Filwaqt li l-paragrafu Nru 7(a) tal-istess Skeda jinkludi bħala "Attivitajiet ta' Istituzzjonijiet Finanzjarji" is-segwenti:

> *"7. Negozju li persuna tagħmel f'isimha jew f'isem il-klijenti:*
>
> > *(a) fi strumenti ta' swieq finanzjarji (ċekkijiet, kambjali, ċertifikati ta' depożitu u strumenti bħal dawk);"*

Illi finalment, l-Artikolu 22(1)(f) tal-Kap. 376 tal-Liġijiet ta' Malta, jirrendi n-nuqqas ta' tħaris tal-Artikol 3(1) tal-istess Att bħala reat kriminali.

Illi "awtorità kompetenti" hija mfissra mill-Artikolu 2(1) tal-Kap. 376 tal-Liġijiet ta' Malta bħala l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta stabbilita bil-Kap. 330 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi prodotti jirriżulta illi Josephine Harmsworth kienet issarraf ċekkijiet ta' terzi bil-modalità illi taċċetta ċ-ċekkijiet indirizzati lil dawn l-istess terzi li jiffirmawhom, ittihom il-valuta ta' dawk iċ-ċekkijiet ġeneralment b'ammont imnaqqas, imbagħad tiddepożita dawn l-istess ċekkijiet għall-valur kollu fid-diversi kontijiet bankarji tagħha. Jirriżulta wkoll li din l-attività kienet ilha twettaqha għal numru ta' snin u kienet toffri dan is-servizz lil diversi persuni.

Illi in difesa, l-akkużati jgħidu illi f'dak iż-żmien, ċekkijiet personali setgħu jiġu ġirati fuq terzi persuni u l-bank kien isarrafhom jew jiddepożithom mingħajr ebda eżitazzjoni. Fil-fatt, jgħidu li l-Banek kienu jaċċettaw tali depożiti u li hija waqfet din l-attività hekk kif il-bank tagħha ġibdilha l-attenzjoni li ma setgħatx tkompli b'dawn id-depożiti konsiderevoli ta' ċekkijiet.

Illi fil-fehma tal-Qorti din id-difiża ma teżonerax lil Josephine Harmsworth mir-responsabiltà legali għall-azzjonijiet tagħha. Il-fatt li dak iż-żmien ċekk seta' jiġi ġirat fuq terzi ma jfissirx li hi setgħet tabbuża mis-sistema finanzjara Maltija. L-aċċettazzjoni tal-Banek tad-depożitu ta' dawn iċ-ċekkijiet l-anqas ma hija xi forma ta' skużanti jew ġustifikazzjoni tal-għemil tagħha. Anzi, l-Qorti tgħid li hu proprju minħabba r-raġuni li dak iż-żmien ċekkijiet setgħu jiġu ġirati u kienu aċċettati mill-banek li Josephine Harmsworth sabet l-ambjent idoneju biex topera l-iskema illegali tagħha.

Illi fit-trattazzjoni finali, id-difiża tissottometti wkoll illi l-attività ġestita mill-akkużata Josephine Harmsworth għandha fil-qofol tagħha element soċjali fejn il-ħanut tagħha, bħal bosta ħwienet tal-istess tip, mhux biss ibiegħu kommoditajiet u bżonnijiet ta' kuljum bħall-ikel u xorb, iżda wkoll iservu ta' wens u sostenn lil dawk il-persuni li minħabba raġuni jew oħra ma jkunux jistgħu jagħmlu xi qadjiet li jeħtieġu. Tissottometti illi s-servizzi offerti mill-akkużati m'humiex singoli u għad hawn numru ta' intrapiżi żgħar li għadhom joffru servizzi differenti lejn il-komunità tar-raħal, għalkemm in-numru tagħhom qed jonqos. Tgħid illi ż-żewġ akkużati spiċċaw quddiem

din il-Qorti inġustament u sforz eżerċizzju li sar mill-awtoritajiet sabiex jilħqu ċerta miri internazzjonali li kienu batuti f'dawk iż-żminijiet.

Illi mix-xhieda prodotta mill-prosekuzzjoni rriżulta li fil-maġġoranza tal-każi, il-klijenti li xehdu kienu jużaw is-servizz ta' tisrif taċ-ċekkijiet minħabba li ma kienx ikun possibbli għalihom li jmorru jsarrfu l-istess ċekk il-bank. Min qal li kien jaħdem fis-siegħat li l-fergħat tal-bank ikun miftuħ[80], min qal li ma setax jiddepożita ċ-ċekk minħabba proċeduri legali meħuda kontrih[81] u min qal li kien imur jixtri bid-dejn imbagħad meta jirċievi ċ-ċekk kien imur iħallas id-dejn biċ-ċekk.[82]

Illi l-Qorti tifhem dawn l-argumenti u tifhem ukoll illi r-realtà tas-soċjetà Maltija, partikularment ta dawk il-persuni ta' ċerta età, hi li ħwienet mit-tip tal-akkużati jipprovaw jagħtu servizzi oltre minn sempliċi bejgħ ta' kommoditajiet u bżonnijiet. Illi fil-fatt, il-klijenti li xehdu quddiem din il-Qorti kollha kellhom realtà li tagħmililhom aktar diffiċli jużaw is-sistema finanzjarja biex isarrfu ċ-ċekkijiet. Diffiċli, imma mhux impossibbli.

Illi l-fornitura ta' dawn is-servizzi, madanakollu, ma tistax tingħata jekk tmur kontra d-dettami legali tal-Istat Malti. Del resto, kull min jipprovdi xi tip ta' servizz, sija fuq bażi regolari jew sporadika, sija fuq bażi kummerċjali jew volontarja, għandu l-ewwel obbligu li jara li dak is-servizz li qed jipprovdi huwa konformi mal-qafas legali. Il-ġenwinità jew il-qalb tajba ta' persuna fl-għoti tas-servizz ma tirrimpjazzax l-obbligu ta' konformità mal-liġi.

Illi mill-eżami taċ-ċekkijiet depożitati fil-kontijiet jirriżulta aktar milli ampju li din ma kinitx attività sporadika iżda kienet waħda frekwentissima u mifruxa fuq diversi persuni u snin. Filfatt, jirriżulta li bejn il-15 ta' Lulju 2010 u l-5 ta' Diċembru 2020, l-akkużata iddepożitat fil-kontijiet tagħha aktar minn 7,939 ċekk li huma ta' terzi persuni. Illi dan l-ammont żgur li ma jistax jitqies li huwa frott l-għoti sporadiku tas-servizz ta' tisrif ta' ċekkijiet.

---

80 Ara x-xhieda ta' David Borg.
81 Ara x-xhieda ta' Andre McKay u Darren Borg.
82 Ara x-xhieda ta' Ibrahim Diallo, Bubabek Sidibi, Darren Debono u ta' Stephania Mizzi.

Illi għalhekk, mill-ottika tal-Kap. 376 tal-Liġijiet ta' Malta, jirriżulta lill-Qorti illi t-tisrif ta' ċekkijiet jikkwalifika bħala "attività ta' Istituzzjoni Finanzjarja" kif delineata fil-punti 5 u 7(a) tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 376 tal-Liġijiet ta' Malta, partikolarment għaliex it-tisrif ta' ċekkijiet jammonta kemm għal amministrazzjoni ta' mezzi ta' pagament kif ukoll għaliex l-akkużata Josephine Harmsworth għamlet negozju f'isimha fi strumenti ta' swieq finanzjarji. Jirriżulta ampju wkoll li tali attività kienet titwettaq regolarment u abitwalment minn Malta. Jirriżulta wkoll mill-provi prodotti li l-akkużata Josephine Harmsworth ma toperax tramite kumpanija u ċertament m'għandhiex liċenzja maħruġa mill-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta kif xehed Gordon Bugeja.

Illi fir-rigward ta' Alan Harmsworth, mill-provi prodotti ma jirriżutax illi huwa kellu xi involviment attiv f'dan it-tisrif ta' ċekkijiet jew li sarraf xi ċekkijiet tal-klijenti li ressqet il-prosekuzzjoni quddiem din il-Qorti. Fil-fatt, ħadd mill-klijenti prodotti mill-prosekuzzjoni qal li sarraf iċ-ċekkijiet mingħand l-akkużat Alan Harsmworth. Għalhekk ma jirriżultax lill-Qorti illi fil-konfront ta' l-akkużat Alan Harmsworth l-elementi ta din it-tieni akkuża ġew issodisfati.

Illi għalhekk, jirriżulta li l-elementi ta' din it-tieni akkużat ġew ampjament ipprovati mill-prosekuzzjoni fir-rigward tal-akkużata Josephine Harmsworth iżda mhux fir-rigward ta' l-akkużat Alan Harmsworth.

Ikkunsidrat;

Illi t-tielet akkuża miġjuba kontra l-akkużati hija dik tar-reat ta' *money laundering*, bi ksur tal-Artikolu 3 tal-Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi internazzjonalment, dan ir-reat ġie mfisser bħala:

> *"[T] he conversion or transfer; concealment or disguise of the true nature, source, location, disposition, movement, rights with respect to, or ownership; acquisition, possession, or use; of property, knowing that such property is derived from criminal activity."'*[83]

L-*International Monetary Fund*, ifisser dan ir-reat bħala:

> *"Money Laundering is the processing of assets from criminal activity to obscure their illegal origins. The money laundering offense should apply to all serious offenses, with a view to including the widest range of predicate offenses. At a minimum, it should apply to the 21 categories of offenses designated by the Financial Action Task Force (FATF) in its glossary, including, inter alia, participation in organized crime, fraud, drug trafficking, corruption and bribery, and tax crimes.*" [84]

Illi fis-sentenza **The Police vs Omissis and Vladimir Omar Fernandez Delgado**[85] il-Qorti spjegat fid-dettall x'inhuma l-elementi li jsawwru dan ir-reat, u ċioè essenzjalment li flus jew assi li ġejjin minn sors illegali jingħataw bixra li ġejjin minn sors leċitu sabiex ikunu jistgħu jintużaw mill-benefiċjarju mingħajr xkiel. Illi għall-finijiet ta' brevità, din il-Qorti qed tagħmel pjena referenza għat-tagħlim hemm espost. Illi di più, fis-sentenza **Il-Pulizija vs Carlos Frias Mateo**[86] il-Qorti spjegat x'inhu l-proċess ġenerali li jiġi adoperat sabiex jitwettaq ir-reat ta' ħasil ta' flus, ossija il-proċess ta' *placement*, *layering* u *integration*, għalkemm mhux il-ħassieba kollha jaqblu ma din il-klassifika ġenerika u x'aktarx sempliċisitka.

Illi l-Artikolu 2 tal-Kap. 373 tal-LIġijiet ta' Malta ifisser ir-reat ta' *Money laundering* bħala:

---

[83] N. Gilmour & T. Hicks, *The War on Dirty Money*; Bristol University Press, 2023., p. 67

[84]

[85] **The Police vs Omissis et**, Court of Magistrates (Malta), 29 April 2015, (Case No. 457/2013), pg. 27 – 34.

[86] **Il-Pulizija vs Carlos Frias Mateo**, Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha tad-19 ta' Jannar, 2012 (App Krim Nru. 356/2011)

*(i) il-konversjoni jew trasferiment ta' proprjetà meta wieħed ikun jaf jew jissuspetta li dik il-proprjetà tkun direttament jew indirettament inkisbet minn, jew mir-rikavat ta', attività kriminali jew minn att jew atti ta'parteċipazzjoni f'attività kriminali, għall-iskop ta' jew skopijiet ta' ħabi jew wiri ħaġa b'oħra l-oriġini tal-proprjetà jew ta' għoti ta' għajnuna lil xi persuna jew persuni involuti jew konċernati f'attività kriminali;*

*(ii) il-ħabi jew wiri ħaġa b'oħra tal-veri xorta, provenjenza, lok, dispożizzjoni, moviment ta' jeddijiet rigward, fi jew fuq proprjetà, meta wieħed ikun jaf jew jissuspetta li dik il-proprjetà tkun inkisbet direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali;*

*(iii) l-akkwist, pussess jew użu ta' proprjetà meta wieħed ikun jaf jew jissuspetta li l-istess proprjetà tkun inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali;*

*(iv) ir-ritenzjoni mingħajr skuża raġonevoli ta'proprjetà meta wieħed ikun jaf jew jissuspetta lil-istess proprjetà tkun inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali;*

*(v) it-tentattiv ta' xi ħwejjeġ jew attivitajiet definit ifis-subparagrafi (i), (ii), (iii) u (iv) ta' hawn fuq, u dan fit-tifsir tal-artikolu 41 tal-Kodiċi Kriminali; Kap. 9 (vi) l-aġir bħala kompliċi fit-tifsir tal-artikolu 42 tal-Kodiċi Kriminali rigward xi waħda mill-ħwejjeġ jew attivitajiet definiti fis-subparagrafi (i), (ii),(iii), (iv) u (v) ta' hawn fuq;*

Illi stabbiliti dawn il-prinċipji ġenerali, jirriżulta mill-provi prodotti li l-akkużata kienet qed tiġġestixxi attività ta' Istituzzjoni Finanzjarja mingħajr ma kellha d-debita liċenzja mill-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, liema attività tikkostitwixxi reat f'Malta. Jirriżulta wkoll illi din l-attività kienet qed tiġġenera dħul billi, tal-inqas f'numru ta' okkażjonijiet, Josephine Harmsworth kienet tnaqqas *fee* għaliha direttament mill-ammont indikat fuq iċ-*cheque* jew, skont kif qalet fl-istqarrija tagħha, il-klijenti kienu jagħtuha flus minn jeddhom.

Illi fl-istqarrija tagħha, Josephine Harmsworth tipprova timminimizza l-attività ġestita minnha. Fil-fatt hi qalet li qatt ma żammet flus u li bejn l-2015 sal-2018 ġieli l-klijenti kienu jsarrfu ċekkijiet għandha. Illi mill-provi, madanakollu, toħroġ realtà oħra. Illi fil-fatt, ħamsa mit-tmien klijenti li ressqu l-prosekuzzjoni xehdu illi Josephine Harmsworth kienet tnaqqas ammont ta' flus miċ-ċekkijiet. Illi mill-analiżi taċ-ċekkijiet jirriżulta illi b'kollox, Josephine Harmsworth sarrfet jew iddepożitat 9,013-il ċekk li kienu indirizzati lil 2,897 persuna differenti. Illi huwa ovvju għalhekk illi kuntrarjament għal dak li tistqarr l-akkużata, din l-attività kienet waħda frekwentissima.

Illi madanakollu, kemm jekk kienet iżżomm *fee* u kemm jekk il-klijenti kienu jagħtuha ammont b'mod volontarju, dawn il-flus li ġġenerat din l-attività ħallew qliegħ lill-akkużati li ma kellhom ebda dritt għalih u konsegwentement jikkostitwixxi rikavat li bl-Ingliż hu deskritt bħala *tainted proceeds*, ċioè rikavat imtappan.

Jirriżulta wkoll illi dawn iċ-ċekkijiet ta' terzi, la darba jiġu msarrfa minn Josephine Harmsworth u kontrassenjati mill-klijenti, kienu jiġu depożitati fil-kontijiet bankarji tagħha u ta' Alan Harmsworth kollha, iżda b'mod partikolari fil-kont li jispiċċa bin-numri "#3917", li kien *overdraft* miżmum mal-Bank of Valletta plc għall-għanijiet tal-*confectionery*. Minn analiżi tal-kontijiet tal-akkużati jirriżulta li ladarba jsiru d-depożiti l-flus kienu jintużaw sabiex, fost l-oħrajn, titkompla l-attività legali tal-*confectionery*, jakkwistaw

oġġetti għalihom, iħallsu dejn u investimenti oħra u, finalment, bħala kapital biex titkompla l-attività illegali tat-tisrif ta' ċekkijiet.

Magħdud ma' dan, il-Qorti żżid tgħid li mir-rapporti tal-amministratur tal-ħanut jirriżulta ċar li l-akkużata kienet tiġġestixxi l-attivitià kummerċjali b'mod laxk u b'nuqqas ta' professjonalità. Irriżulta li qatt ma sar stock-take tal-oġġetti fil-ħanut. Irriżulta wkoll li kien hemm laxkezza fir-reġistrazzjoni tal-bejgħ u mhux kull oġġett kien jiġi ppunċjat. F'xi okkażjonijiet kienu anke jippunċjaw ammonti diversi minn dak li tassew ikun dovut. Jidher li f'xi każi, il-klijenti kienu jieħu l-oġġett li jeħtieġu u jħallu flus fuq il-bank mingħajr ma ħadd jiċċekkja jekk il-flus humiex korretti jew jekk ittieħdux oġġetti aktar minn dak li ħallsu għalih. Jirriżulta wkoll li kien hemm insistenza f'pagamenti in kontanti tal-fornituri u dan anke wara li l-amministratur ġibed l-attenzjoni tal-akkużati li l-pagamenti għandhom isiru b'ċekkijiet jew b'modi li jippermettu reġistrar tal-pagamenti. Għalhekk minkejja li l-ġestjoni traskurata tal-attività kummerċjali m'huwiex xi reat miġjub kontra l-akkużati, din it-tip ta' Ġestjoni kkreat ambjent idoneju għal taħwid ta' depożiti ta' fondi, returns fiskali inkorretti fejn il-maġġoranza tat-transazzjonijiet kienu jsiru fi flus kontanti u b'hekk mingħajr ma jkun hemm record tad-dħul u l-ħruġ tal-attività kummerċjali.

Illi mill-analiżi tad-dokumenti fiskali ppreżentati jirriżulta li hemm diskrepanzi serjissimi bejn dak dikjarat mill-akkużati bħala dħul u dak li effettivament irriżulta in atti.

Illi fir-rigward ta' **Josephine Harmsworth** jirriżulta s-segwenti:

| Sena | Dħul (VAT) (€) | Dħul (Banka) (€) | *Total Dħul (€)* | Dħul Dikjarat (€) | Diskrepanza (€) |
|---|---|---|---|---|---|
| 2016 | n/a | 51,012.86 | *51,012.86* | 12,269.00 | **-38,743.86** |
| 2017 | n/a | 55,765.17 | *55,765.17* | 22,653.00 | **-33,112.17** |
| 2018 | 5,513.26 | 60,196.86 | *65,710.12* | 24,353.00 | **-41,357.12** |
| 2019 | 78,190.61 | 53,420.96 | *131,611.57* | 29,393.00 | **-102,218.57** |
| 2020 | 33,711.44 | 48,639.94 | *82,351.38* | n/a | **n/a** |
| | | | | Total (2016 – 2020): | **-215,431.72** |

U għalhekk jirriżulta mill-atti ppreżentati illi Josephine Harmsworth għamlet qliegħ ta' €215,431.72 li ma jidhirx li ġie dikjarat mal-Kummissarju għat-Taxxa u d-Dwana.

Illi fir-rigward ta' **Alan Harmsworth** jirriżulta s-segwenti:

| **Sena** | **Dħul (VAT) (€)** | **Dħul Dikjarat (€)** | **Diskrepanza (€)** |
|---|---|---|---|
| 2016 | 23,055.26 | 23,780.00 | +724.74 |
| 2017 | 13,525.33 | 22,438.00 | +8,912.67 |
| 2018 | 17,861.04 | 21,674.00 | +3,812.96 |
| 2019 | 16,066.63 | 18,992.00 | +2,925.37 |
| 2020 | n/a | N/a | n/a |
| | | Total (2016 – 2019): | +16,375.74 |

Illi min-naħa l-oħra, jirriżulta illi Alan Harmsworth iddikjara dħul ta' €16,375.74 <u>aktar</u> minn dak li jidher li ddikjara mal-Kummissarju għat-Taxxa u d-Dwana.

Illi minn dan l-eżerċizzju jirriżulta ampju illi hemm diskrepanzi fiskali serji fir-rigward tad-dħul iddikjarat minn Josephine Harmsworth mal-kummissarju għat-Taxxa u d-Dwana u dak li effettivament daħlet bħala profitti. Illi t-taxxa li hija dovuta fuq id-dħul mhux dikjarat ta' Josephine Harmsworth baqgħet fil-pussess tagħha u ntużat mill-akkużati bħala parti mill-fondi tagħhom fil-kontijiet bankarji.

Illi għalhekk jirriżulta li fil-kontijiet bankarji tal-akkużati stess kien hemm: (i) rikavat illeċitu li ġej mill-attività ta' tisrif ta' ċekkijiet; (ii) flejjes li huma dovuti bħala taxxa lill-erarju pubbliku fuq dħul li ma ġiex dikjarat u (iii) flejjes ġenerati minn attività kummerċjali leċita. Illi bil-konfużjoni tar-rikavat magħmul mit-tisrif illeċitu ta' ċekkijiet flimkien mal-profitti legali magħmulha kemm mill-*confectionery* kif ukoll mill-banka tal-lottu, Josephine

Harmsworth wettqet taħlit ta' fondi, jew aħjar *co-mingling of funds*[87] fejn bit-taħlit ta' flejjes iġġenerati minn sorsi differenti tat bixra lir-rikavat illeċitu ta' qliegħ leċitu ġġenerat mill-attività kummerċjali legali tagħha.

Illi għalhekk, permezz tat-taħlit ta' flejjes minn għejun differenti hija rnexxielha taħbi u toskura l-oriġini illegali ta' dan ir-rikavat filwaqt li trendi r-rikavat disponibbli għall-użu meta meħtieġ fi proċess ta' *self-laundering.*[88] Fil-fatt, minn analiżi tal-assi tal-akkużati jirriżulta illi fil-perjodu relevanti għal dawn l-akkużi, ossija bejn 2015 – 2020, l-akkużati:

- Akkwistaw l-għalqa msejjħa "Ta Xolxa", kontrada "Ta Wied is-Sewda", fil-limiti ta' Ħal-Qormi, fid-9 ta' Settembru 2019 għall-prezz ta' €100,000. Mill-provi prodotti jirriżulta illi l-akkużati ħadu *personal loan* fl-ammont ta' €60,000 fid-9 ta' Awwissu 2018[89] għall-akkwist ta' din il-propjetà, liema self kien għadu qed jitħallas lill-bank;

- Baqgħu iħallsu l-loan għall-akkwist tal-fond 52, Racecourse Street, Marsa, bil-kont miżmum mal-Bank of Valletta plc li jispiċċa bin-numri "9203";

- Baqgħu iħaddmu l-kont tat-tip *overdraft* miżmum mal-Bank of Valletta plc li jispiċċa bin-numri "3917";

- Baqgħu iħaddmu l-kont tat-tip *lotbut aġent no 132* miżmum mal-Bank of Valletta plc li jispiċċa bin-numri "1202";

---

87 *"By co-mingling the proceeds of crime with the proceeds of legitimate business, launderers are able to disguise the ultimate source of the illicit money."*, Global Financial Integrity, https://gfintegrity.org/issue/money-laundering/

88 Il-kunċett ta' self-laundering huwa meta persuna tuża l-istrutturi hi stess sabiex twettaq ir-reat tal-ħasil ta' flus. Il-metodu l-ieħor huwa dak ta' Professional Money laundering fejn professjonisti fil-qasam finanzjarju jagħtu l-pariri u jikkreaw l-istrutturi sabiex ikunu jistgħu jirriċiklaw il-flus. Ara aktar fuq is-sit https://syntheticdrugs.unodc.org/syntheticdrugs/en/cybercrime/launderingproceeds/methods.html

89 Kont li jispiċċa bin-nurmi "#4867". Ara wkoll is-*sanction letter* mmarkata dok "JB1" a fol 6163 tal-atti proċesswali.

- Baqgħu iħaddmu l-kont tat-tip *youngsavers account* miżmum mal-Bank of Valletta plc li jispiċċa bin-numri "0011";

- Baqgħu iħaddmu l-kont tat-tip *Term Deposit account* f'isem Josephine Harmsworth miżmum mal-Bank of Valletta plc li jispiċċa bin-numri "7599";

- Baqgħu iħaddmu l-kont tat-tip *Savings account* f'isem Josephine Harmsworth u terza persuna miżmum mal-Bank of Valletta plc li jispiċċa bin-numri "6020";

- Baqgħu iħaddmu l-kont tat-tip *Savings account* f'isem Josephine Harmsworth miżmum mal-Bank of Valletta plc li jispiċċa bin-numri "8377";

- Baqgħu iħaddmu l-kont tat-tip *Savings account* f'isem Alan Harmsworth miżmum mal-Bank of Valletta plc li jispiċċa bin-numri "8752";

- Baqgħu iħaddmu l-kont tat-tip *savings account* miżmum mal-HSBC Bank Malta Ltd li jispiċċa bin-numri "6050";

- Akkwistaw u għamlu pagamenti versu l-investiment 2.1% Malta Government Stock 2039 (I);

- Akkwistaw u għamlu pagamenti versu l-investiment 3.75% Mercury Projects Finance plc Secured Bonds 2027;

- Akkwistaw u għamlu pagamenti versu l-investiment 3.8% Hili Finance Company plc Unsecured Bonds 2029;

- Akkwistaw u għamlu pagamenti versu l-investiment 3.85% Hili Finance Company plc Unsecured Bonds 2028;

- Akkwistaw fil-5 ta' Novembru 2018 il-vettura tat-tip Citroen Berlingo bin-numru ta' reġistrazzjoni GCA-918 (stmata għall-valur ta' €10,500);

- Akkwistaw fis-6 ta Mejju 2020 il-vettura tat-tip BMW 740D SE Auto bin-numru ta' reġistrazzjoni CCD-693 (stmata għall-valur ta' €5,000);

- Akkwistaw fis-26 ta' Jannar 2017 il-vettura tat-tip BMW 320D SE bin-numru ta' reġistrazzjoni KEI-121 (stmata għall-valur ta' €5,300);

- Akkwistaw fil-5 ta' Settembru 2018 il-vettura tat-tip Mercedes Benz S 350 bin-numru ta' reġistrazzjoni HBV-697 (JOS ALA) (stmata għall-valur ta' €40,000 - €45,000);

- Akkwistaw fit-12 ta' Mejju 2020 il-vettura tat-tip Mercedes Benz B200 CDI SE bin-numru ta' reġistrazzjoni IBT-531 (stmata għall-valur ta' €4,200);

Illi permezz ta' *co-mingling* kif fuq imsemmi, l-akkużati setgħu faċilment jużaw dawk il-fondi illeċiti sabiex iħallsu l-pagamenti mensili tad-dejn tagħhom sija mal-banek u ma terzi, jixtru u jħallsu l-investimenti indikati kif ukoll jixtru l-vetturi sopra indikati. Illi dwar l-akkwist tal-vetturi, l-akkużati stess jiddikjaraw fl-istqarrijiet rispettivi tagħhom jgħidu li għalkemm Alan Harmsworth kien jara u jixtri l-vetturi, il-pagamenti kienet tieħu ħsiebhom Josephine Harmsworth.

Illi f'dawn it-tip ta' kawżi, sabiex tinstab reità jeħtieġ li l-prosekuzzjoni tipprova n-ness bejn l-assi li jkunu suġġetti għall-ħasil ta' flus u l-attività kriminali li tkun qed tiġġenerhom.[90] Illi jirriżulta mill-provi prodotti illi l-eluf ta' ċekkijiet *de quo* ġew depożitati fid-diversi kontijiet tal-akkużati. Għalhekk, l-attività ta' Istituzzjoni Finanzjarja ġestita mill-akkużata

[90] Ara f'dan is-sens is-sentenza **Il-Pulizija vs Dayang Sakeinah Binti Mat Lazin**, Qorti tal-Maġistrati (Malta), 23 ta' Novembru 2009 (każ nru. 197/2008) kif ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tas-16 ta' Lulju 2010 (Appell Nru. 447/2009).

Josephine Harmsworth ġiet sodifaċentament marbuta mal-akkużata Josephine Harmsworth u anke mal-akkużat Alan Harmsworth, stante li hu kellu aċċess għal dawn il-fondi mill-kontijiet tiegħu. Il-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova wkoll il-kumulu ta' assi li ġew akkwistati mill-akkużati tul il-perjodu suġġett għal dawn il-proċeduri.

Illi fis-sentenza **Il-Pulizija vs Carlos Frias Mateo**[91] il-Qorti tal-Appell Kriminali tenniet illi:

> *"kull ma għandha tipprova l-prosekuzzjoni huwa illi l-flus illi nstabu fil-pussess tal-persuna li kienux konformi mal-istil ta' ħajja tal-persuna, liema prova tkun tista tiġi stabbilita anke minn provi indizzjali. Dana jfisser illi l-prosekuzzjoni m'ghandix tipprova lill-Qorti l-origini tal-flus, lanqas jekk il-flus kienu llegali. Kull ma trid tippruva huwa fuq grad ta' "prima facie" illi ma hemm l-ebda spjegazzjoni logika u plawsibbli dwar l-origini ta' dawk il-flus. Darba ssir din il-prova fil-grad msemmi, jkun imiss lill-akkuzat sabiex juri illi l-origini tal-flus ma kienx illegali."*

Imbagħad, fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Alfred Delia et**[92] il-Qorti tkompli ssaqsi s-segwenti domanda:

> *"Illi ghalhekk il-mistoqsija li trid tigi rizolta fil-kaz in ezami hija dik interposta mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-kawza hawn fuq kwotata* [Il-Pulizija vs Carlos Frias Mateo] *u cioe fil-kuntest tal-provi illi l-proskuzzjoni gabet f'dan il-kaz, (provi biex jigi pruvat in-ness bejn il-flus utitlizzati biex jinxtraw il-vetturi imsemmija u xi attivita kriminali) intlahaq dan il-livell ta' "prima facie"? Kien hemm "a case to answer" biex mbaghad l-oneru tal-prova jdur fuq l-imputati biex jippruvaw l-origini leġittima* [?]"

[91] **Ibid.**
[92] **Il-Pulizija vs Alfred Delia et**, Qorti tal-Maġistrati (Malta), 23 ta' Mejju 2013, (Kump. Nru 672/2010).

Illi bbażat fuq id-dikjarazzjonijiet tad-dħul li l-akkużati għamlu mal-Kummissarju għat-Taxxa u d-Dwana jirriżulta ampju li l-akkwisti li għamlu jmorru oltre minn dak li setgħu raġonevolment jakkwistaw fuq dak l-introjtu dikjarat. Ġie ppruvat sal-grad rikjest f'dawn il-proċeduri illi l-varji pagamenti tal-*loans*, l-erba' investimenti li saru fil-Borża ta' Malta kif ukoll l-akkwist ta' ħames vetturi, wħud minnhom ta' lussu, kollha saru minn fondi li għandhom rikavat imtappan.

Illi l-Artikolu 22(1C)(b) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, reż applikabbli għall-Att Kontra Money Laundering permezz tal-Artikolu 3(3) tiegħu jistipula illi:

> *"(b) Fi proċedimenti għal reat taħt il-paragrafu (a), meta l-prosekuzzjoni ġġib prova li l-imputat jew akkużat ma jkun ta ebda spjegazzjoni raġonevoli li turi li dawk il-flus, proprjetà jew rikavat ma kenux flus, proprjetà jew rikavat kif deskritti fl-imsemmi paragrafu, l-oneru li jipprova l-provenjenza leċita ta' dawk il-flus, proprjetà jew rikavat tkun tinkombi fuq il-persuna imputata jew akkużata."*

Illi fl-istqarrija tagħha, Josephine Harmsworth tgħid illi hija rebħet total ta' madwar €40,000 permezz tal-lottu u li missier l-akkużat kien anke tahom xi flus biex jgħinhom jixtru l-propjetà ta' Ħal-Qormi. Illi l-akkużati ma ressqu l-ebda prova in sostenn ta' din id-dikjarazzjoni. Illi l-istess jista' jingħad fuq l-asserzjoni ta' Alan Harmsworth illi l-vetturi m'humiex tiegħu iżda huma ta' membri tal-familja tiegħu, stante li ma tressqet ebda prova ta' dan. Fil-fatt, l-akkużati ma ressqu l-ebda prova biex jipprovaw il-provenjenza leċita tal-flus jew assi li huma akkwistaw tul is-snin suġġetti għal dawn il-proċeduri.

Illi għalhekk, il-Qorti ssib illi l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-attività ta' Money laundering fir-rigward ta' Josephine Harmsworth u għalhekk irnexxielha tipprova din it-tielet akkuża.

Illi fir-rigward ta' Alan Harmsworth, hu jgħid fl-istqarrija tiegħu illi hu kien iħalli kollox f'idejn Josephine Harmsworth. Jgħid li hi kienet il-*breadwinner* tal-familja u li hu ma jaf xejn dwar l-attività ekonomika ta' Josephine

Harmsworth. Qal li ma jafx x'kienet tiddepożita fil-*joint account* bankarju u li hu għandu *card* abbinata mal-kont bankarju tiegħu biss. Jgħid li kulma kien jagħmel hu biss li jiffirma l-karti li jkun hemm bżonn.

Illi kif ġie ritenut fis-sentenza Ir-Repubblika ta' Malta vs Redent Zammit et:[93]

> *"Għalkemm tassew setgħu ma irrejalizzawx li dik l-attività, li kienet qed iseħħ fil-kontijiet tagħhom - liema kontijiet kienu qed jintużaw minnhom konsapevolment sabiex jaġevolaw lil Redent Zammit - kienet waħda illeċita, hija l-prassi u n-norma li l-preżunzjoni tal-liġi hija dik li kull parti titqies li taf xi tgħid il-liġi u li per konsegwenza "**ignorantia legis neminem excusat**". Dan jingħad in kwantu anke ta' dak sottomess mill-abbli difiza tal-imputata Piscopo fit-trattazzjoni finali."*

Illi għalhekk huwa inutli għal Alan Harmsworth li jipprova jitfa' l-ħtija fuq Josephine Harmsworth billi jgħid li hu ma kien ikun jaf b'xejn. Oltre minn hekk, minn analiżi tad-depożiti u tal-kontijiet bankarji jirriżulta li wieħed mill-kontijiet li fih kienet tiddepożita ċ-ċekkijiet Josephine Harmsworth kien dak miżmum mal-HSBC Bank Malta li jispiċċa bin-numri "#6050" u li Alan Harmsworth għandu l-prokura fuq dak il-kont. Jirriżulta illi f'dan il-kont ġew depożitati 247 ċekk ammontanti għal €109,840.

Illi jirriżulta li Alan Harmsworth beda jaħdem bħala c*onfectioner* fil-ħanut sa mill-1 ta' April 2005 u rriżenja fil-11 ta' Ottubru 2018. Mill-analiżi taċ-ċekkijiet jirriżulta li mit-2 ta' Jannar 2015 sad-9 ta' Settembru 2018 ġew depożitati 8,846 ċekk. Dan l-ammont jirrappreżenta l-maġġoranza totali taċ-ċekkijiet depożitati. Mix-xhieda tal-klijenti jirriżulta li ħafna drabi kien ikun hemm kju ta' nies jistennew biex issarrfu ċ-ċekkijiet tagħhom. Il-Qorti hi tal-fehma li huwa impossibbli li Alan Harmsworth, li kien ikun qed jaħdem fil-ħanut, ma kienx jaf li dawk il-persuni kollha qegħdin fil-ħanut sabiex issarrfu ċ-cheque tagħhom u avolja ħadd minnhom ma semma li Alan

---

[93] **Ir-Repubblika ta' Malta vs Redent Zammit et**, Qorti tal-Maġistrati (Malta), 27 ta' Mejju 2024.

Harmsworth qatt sarfilhom iċ-ċekk, il-Qorti hi konvinta li mill-provi prodotti, l-akkużat kien ben konsapevoli ta' din l-attività ta' Istituzzjoni finanzjarja li kienet qed twettaq Josephine Harmsworth u li tali ċekkijiet kienu qed jiġu depożitati fil-kontijiet bankarji rispettivi. Għalhekk, il-Qorti ssib li Alan Harmsworth seta' kellu suspett raġjonevoli illi l-fondi li kienu qed ikunu depożitati fil-kont bankarju sopra msemmi u li kien qed jibbenefika hu wkoll minnhom kellhom sors kriminali.

Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel referenza għall-Artikolu 2(2)(a) tal-Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta li jistipola:

> *"(2) (a) Persuna tista' tinsab ħatja tad-delitt ta' money laundering taħt dan l-Att, anke fin-nuqqas ta' sentenza ta' qorti li tistabbilixxi ħtija fir-rigward tal-attività kriminali sottostanti, liema attività kriminali tista' tiġi stabbilita minn prova ċirkostanzjali jew prova oħra, mingħajr il-ħtieġa li l-prosekuzzjoni tipprova li kien hemm sentenza ta' kundanna għall-attività kriminali sottostanti u mingħajr il-ħtieġa li jiġi stabbilit b'mod preċiż liema hija l-attività sottostanti."*

Illi fid-dawl ta' dan il-provediment, minkejja li Alan Harmsworth ma nstabx ħati minn din il-Qorti tal-ewwel jew tat-tieni akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu, miċ-ċirkostanzi kif appena spjegati il-Qorti hija tal-fehma li ġiet ipprovata l-attività kriminali sottostanti li servew bħala bażi għal din it-tielet akkuża.

Illi għalhekk, il-Qorti ssib illi l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova t-tielet akkuża tagħha anke fil-konfront ta' Alan Harmsworth.

Ikkunsidrat;

Illi r-raba' akkuża tolqot biss lil Alan Harmsworth, fejn huwa akkużat talli naqas milli jżomm armi ta' nar u munizzjon maqfulin b'mod sikur u separati u kif ukoll naqas milli jżomm l-armi skargati f'dak il-fond skond il-kundizzjonijiet tal-liċenzja.

Illi l-Artikolu 5(3)(a) tal-Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta jistipula illi applikazzjoni għal liċenzja biex jinżammu f'xi fond armi tan-nar jew munizzjon għandhom jispeċifikaw liema jkun dak il-fond, fejn ikunu ser jinżammu dawk l-armi tan-nar u munizzjon u l-liċenzja tingħata biss bil-kondizzjoni li l-armi tan-nar u munizzjon approvati jinżammu maqfulin b'mod sigur u separat f'dak il-fond u li dawk l-armi tan-nar jinżammu skargati.

Illi mill-provi prodotti rriżulta ċar li l-armi kienu qed jinżammu ġewwa kompartament taħt is-saqqu tas-sodda matrimonjali tal-akkużat Alan Harmsworth. Għalkemm huwa jgħid li l-armi jżommhom fis-sodda sabiex it-tifel ma jiftaħhomx, peress li jqatta' ħafna ħin fuq is-sodda, jirriżulta bħala stat ta' fatt li dawn l-armi ma kienux qed jinżammu maqfulin b'mod sigur. Ma kien hemm xejn x'iżomm terzi persuni, bħat-tifel li jaċċedi għal dawn l-armi meta l-akkużat ma jkunx fuq is-sodda. L-istess jista' jingħad għall-munizzjon li nstab fuq il-gwardarobba. L-anqas dan il-munizzjon ma kien qed jinżamm sigur u maqful.

Illi għalhekk il-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova din ir-raba' akkuża fil-konfront tal-akkużat Alan Harmsworth.

Ikkonsidrat;

Illi fir-rigward tal-piena, il-Qorti tqis li l-attività ta' Istituzzjoni Finanzjarja ilha tiġi ġestita għal numru twil ta' snin u kienet mifruxa ma' eluf ta' klijenti. Illi min-naħa l-oħra, l-istil ta' ħajja li adottaw l-akkużati, għalkemm m'huwiex kompatibbli mad-dħul dikajrat minnhom, m'huwiex wieħed ta' sinjuruni miljunari u għalhekk, fil-fehma tal-Qorti, il-piena trid issib bilanċ bejn l-estensjoni taż-żmien li din l-attività baqgħet issir u r-redditu li tat lill-akkużati. Għalkemm il-piena ta' priġunerija hija waħda idonea fiċ-ċirkostanzi tas-serjetà ta' din l-attività, hija l-fehma tal-Qorti li l-priġunerija għandha tkun waħda sospiża, aktar milli effettiva, ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-gravità taċ-ċirkostanzi tal-każ *de quo* għandha tkun riflessa wkoll fil-piena pekunjarja imposta minn din il-Qorti.

Illi fir-rigward tal-Ordni ta' Konfiska, il-Qorti tinnota illi dawn il-proċeduri ilhom diferiti għat-trattazzjoni finali sa mit-28 ta' Ġunju 2023. Dan qed jingħad peress li fil-mori ta' dawn il-proċeduri daħal fis-seħħ l-Att VI tal-2024, preċiżament nhar id-9 ta' Frar 2024. Dan l-att emenda sostanzjalment id-disposizzjonijiet tal-Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta fir-rigward tal-Ordnijiet ta' Sekwestru, l-Ordnijiet ta' Qbid u Ffriżar u anke l-Ordnijiet ta' Konfiska.

Illi l-Artikolu 32(4) ta' l-imsemmi Att jistipula ili d-dispożizzjonijiet tiegħu m'għandhomx japplikaw għal dawk il-proċeduri kriminali li jkunu mħollijin għas-sottomissjonijiet finali jew għas-sentenza, bħalma huwa l-każ *de quo*. Minkejja dan, il-Qorti hi tal-fehma illi fir-rigward tal-Ordni ta' Konfiska, hija l-liġi l-aktar favorevoli li għandha tiġi applikata fil-konfront tal-akkużati u dan anke b'rispett lejn l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Illi a skans ta' ripetizzjoni, il-Qorti qed tagħmel tagħha l-insenjament riportat fis-sentenzi tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mario Brignone**[94], **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mario Brignone**[95] u **The Republic of Malta vs Oliver Chamberline Chibuke**.[96]

Għalhekk il-Qorti ser tapplika d-disposizzjonijiet tal-Att VI tal-2024 fil-każ *de quo* fir-rigward tal-Ordni ta' Konfiska.

Illi fir-rigward tas-setgħa tal-Qorti li tikkundanna lill-akkużati għall-ħlas tal-ispejjeż tal-periti ai termini tal-Artikolu 533 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tinnota illi dan l-Artikolu jagħti l-fakoltà lill-Qorti li tikkundanna l-ħlas lir-reġistratur tal-ispejjeż kollha jew ta' parti minnhom. Il-Qorti tara illi l-amministratur maħtur ppreżenta żewġ fatturi li globalment jammontaw għas-somma ta' €60,298 għas-servizzi tiegħu. Il-Qorti eżaminat l-inkarigu

[94] **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mario Brignone**, Qorti tal-Appell Kriminali, 7 ta' Awwissu 2024 (Appel Nru 310/2023).
[95] **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mario Brignone**, Qorti tal-Appell Kriminali, 7 ta' Awwissu 2024 (Appel Nru 312/2023).
[96] **The Republic of Malta vs Oliver Chamberline Chibuke**, Qorti tal-Appell Kriminali, 13 ta' Settembru 2024 (Appell Nru 441/2023).

mogħti lilu u anke x-xogħol minnu mwettaq u għalkemm huwa evidenti li x-xogħol tiegħu huwa siewi u validu, l-ispejjeż tiegħu m'għandhomx jiġu sopportati mill-akkużati u għalhekk ser teżentah lill-akkużati mill-ħlas ta' din is-somma, iżda żżomm ferm mal-ħlasijiet tal-esperti l-oħra maħtura.

**Deċide**

Għaldaqstant, għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 5(1), 35(1)(e)(2)(3), 2(1)(2) u l-iskeda tal-Att dwar il-Kummerċ Bankarju, Kapitolu 371 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta; l-artikoli 3(1)(1A), 22(1)(f)(3)(4) u l-ewwel skeda tal-Atti Dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji, Kapitolu 376 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikolu 3 tal-Att Kontra Money Laundering, Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikoli 17,18,23, 23A, 23B, 23Ċ, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Kif ukoll fir-rigward ta' Alan Harmsworth, wara li rat l-artikoli 5(3), 27(1), 51(9), 52, 56 u 57 tal-Att dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta

qed issib:

- Lil Josephine Harmsworth <u>ħatja</u> tat-tieni u t-tielet akkużi miġjuba fil-konfront tagħha filwaqt li qed tilliberaha mill-ewwel akkuża miġjuba fil-konfront tagħha; u

- Lil Alan Harmsworth <u>ħati</u> tat-tielet u r-raba' akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu filwaqt li qed tilliberaħ mill-ewwel u t-tieni akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu;

U qed tikkundannhom:

Lil **Josephine Harmsworth** għall-piena ta' erbgħa u għoxrin xahar priġunerija li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed tiġi sospiża għall-perjodu ta' erba' (4) snin mil-lum kif ukoll għall-multa ta' tnejn u erbgħin elf Ewro (€42,000);

Lil **Alan Harmsworth** għall-piena ta' tmintax-il xahar priġunerija li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed tiġi sospiża għall-perjodu ta' tnejn u erbgħin (42) xahar mil-lum kif ukoll għall-multa ta' tmienja u tletin elf Ewro (€38,000);

Inoltre, fir-rigward ta' **Alan Harmsworth**, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 56 tal-Att Dwar l-Armi (Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta) il-Qorti qed tordna l-konfiska a favur tal-Gvern ta' Malta tal-armi regolari u tal-munizzjon kollu elevati u elenkati aktar 'l fuq f'din is-sentenza;

Inoltre, fir-rigward ta' Alan Harmsworth ukoll, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 57 tal-Att Dwar l-Armi (Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta) il-Qorti qed tissospendi kull liċenzja maħruġa taħt dak l-Att u tipprojbixxi lill-istess Alan Harsmworth milli jkollu xi liċenzja taħt dak l-Att għal żmien sena mil-lum;

Ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-akkużati, fi kliem ċar u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet tagħhom taħt l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jekk huma jikkommettu, matul il-perjodu operattiv, reat li għalih hemm piena ta\` priġunerija.

Illi, ai termini tal-Artikolu 23B(1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 38(1) tal-Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tagħmel Ordni ta' Konfiska fil-konfront ta' Josephine Harmsworth u ta' Alan Harmsworth li bih għandha tiġi kkonfiskata kwalunkwe propjetà li l-Qorti tiddetermina, abbażi ta' bilanċ ta' probabbiltajiet, li tkun propjetà li hija suġġetta għall-konfiska.

Illi għaldaqstant, ai termini tal-Artikolu 38(2) tal-Kap 621 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna lill-prosekuzzjoni sabiex fi żmien tletin (30) ġurnata mil-lum, tissottometti lista ta' assi suġġetti għall-konfiska;

Illi ai termini tal-Artikolu 23D(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna lid-Direttur tal-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi sabiex fi żmien tletin (30) jum mil-lum jagħmel stħarriġ sabiex jinstabu u jiġi aċċertat fejn ikunu jinsabu xi flejjes jew proprjetà oħra  dovuti jew jappartjenu jew taħt il-kontroll ta' Josephine Harmsworth u ta' Alan Harmsworth;

Illi ai termini tal-Artikolu 38(3) tal-Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tirriżerva li tagħti sentenza li fiha tiddeċiedi liema propjetà għandha tkun soġġetta għall-Ordni ta' Konfiska.

Illi għall-finijiet tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed qed tikkundanna lil Josephine Harmsworth u lil Alan Harmsworth *in solidum i*ħallsu lir-Reġistratur tal-Qrati Kriminali  s-somma komplessiva ta' tlett elef, erbgħa mija u erbatax-il Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€3,414.37) rappreżentanti parti mill-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti f'dawn il-proċeduri.

Il-Qorti tordna komunika ta' din is-sentenza lill-Kummissarju tal-Pulizija, lid-Direttur tal-Uffiċju għall-Irkupru tal-Assi, lil-Kummissarju għat-Taxxi u D-Dwana u lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali.

**(ft.) Dr. Leonard Caruana B.A., LL.D., M.A (Fin. Serv)**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**